**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2023/0046(COD)**

7.7.2023

# EMENDI
# 63 - 262

**Abbozz ta' rapport**
**Alin Mituța**
(PE749.242v01-00)

Miżuri biex jonqos il-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-gigabits u tħassir tad-Direttiva 2014/61/UE (l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits)

Proposta għal regolament
(COM(2023)0094 – C9-0028/2023 – 2023/0046(COD))

**Emenda 63**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Matul l-aħħar deċennju, l-ekonomija diġitali biddlet is-suq intern mill-qiegħ. Il-viżjoni tal-Unjoni hi ta' ekonomija diġitali li tipprovdi benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli bbażati fuq konnettività eċċellenti ***u*** sigura għal kulħadd u kullimkien fl-Ewropa. Infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja bbażata fuq networks ta' kapaċità għolja ħafna tirfed kważi lis-setturi kollha ta' ekonomija moderna u innovattiva. Għandha importanza strateġika għall-koeżjoni soċjali u territorjali, u b'mod ġenerali għall-kompetittività u t-tmexxija diġitali tal-Unjoni. Għaldaqstant, in-nies u ***anki*** s-settur privat u pubbliku jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jkunu parti mill-ekonomija diġitali. | (1) Matul l-aħħar deċennju, l-ekonomija diġitali biddlet is-suq intern mill-qiegħ. Il-viżjoni tal-Unjoni hi ta' ekonomija diġitali li tipprovdi benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli bbażati fuq konnettività eċċellenti***, bi prezz raġonevoli, affidabbli,*** sigura ***u li tibqa' valida għall-futur*** għal kulħadd u kullimkien fl-Ewropa***, inkluż f'żoni rurali u remoti, bħall-gżejjer u r-reġjuni muntanjużi u b'popolazzjoni skarsament popolata, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-kurituri tat-trasport***. Infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja bbażata fuq networks ta' kapaċità għolja ħafna ***hija l-pedament għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni kif*** tirfed kważi lis-setturi kollha ta' ekonomija moderna u innovattiva. ***Dan jista' jipprovdi servizzi innovattivi, operazzjonijiet kummerċjali aktar effiċjenti u soċjetajiet diġitali intelliġenti, sostenibbli u diġitali, filwaqt li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri klimatiċi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġiċi doppji previsti bħala l-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni.*** Għandha importanza strateġika għall-koeżjoni soċjali u territorjali, u b'mod ġenerali għall-kompetittività***, ir-reżiljenza, l-awtonomija strateġika, is-sovranità diġitali*** u t-tmexxija diġitali tal-Unjoni. Għaldaqstant, in-nies u ***anke*** s-settur privat u pubbliku jenħtieġ li jkollhom l-opportunità li jkunu parti mill-ekonomija diġitali. |

Or. en

**Emenda 64**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Josianne Cutajar, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Id-diġitalizzazzjoni għandha impatt profond fuq il-ħajja soċjali, ekonomika, politika u kulturali ta' kuljum taċ-ċittadini, il-ħaddiema u l-konsumaturi u tikkonċerna l-oqsma kollha tas-soċjetà. Minħabba din ir-raġuni, aċċess limitat u espansjoni insuffiċjenti tan-network jistgħu jżidu l-inugwaljanzi soċjali, u b'hekk joħolqu distakk diġitali ġdid, mhux biss bejn żoni urbani konnessi sew u żoni rurali u remoti, iżda wkoll bejn dawk in-nies li jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn konnettività diġitali effiċjenti u sigura li tippermettilhom jaċċessaw firxa wiesgħa ta' servizzi, u dawk li ma jistgħux jagħmlu dan. F'dan ir-rigward, l-inklużjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fl-introduzzjoni ta' networks ta' kapaċità għolja jenħtieġ li tkun prijorità rilevanti għall-proġetti ta' investiment pubbliku u privat, peress li l-konnettività tal-broadband hija aspett ewlieni għall-inklużjoni soċjali.*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Matthias Ecke, Josianne Cutajar, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Sabiex jingħalaq id-Distakk*** |

***Diġitali madwar l-Unjoni, u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-UE "L-istabbiliment tal-programm ta' politika 2030 tad-deċennju Diġitali", l-investimenti fl-infrastruttura diġitali jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw konnettività aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għal kulhadd u kullimkien fl-Unjoni, b'aċċess għall-internet disponibbli, b'enfasi partikolari fuq id-distakk bejn iż-żoni ġeografiċi differenti. B'mod partikolari, sal-2030, jenħtieġ li n-networks bveloċitajiet tal-gigabits isiru disponibbli għal dawk li jeħtieġu jew jixtiequ din il-kapaċità.***

Or. en

**Emenda 66**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Matthias Ecke, Josianne Cutajar, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1c) Filwaqt li jfakkar li ż-żoni rurali tal-UE jospitaw 137 000 000 persuna, 30,6 % tal-popolazzjoni tal-UE, u jkopru madwar 83 % tal-art tal-UE, kopertura adegwata ta' networks b'veloċitajiet tal-gigabits, bini tal-kapaċitajiet diġitali u li jippermettu l-ambjent għall-innovazzjoni diġitali taż-żoni rurali u remoti, huma kundizzjonijiet ewlenin biex dawk iż-żoni jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet il-ġodda li tipprovdi t-tranżizzjoni diġitali. Tali kopertura tista' tipprovdi potenzjal sinifikanti biex ittejjeb ħajjet in-nies u ttaffi l-impatt negattiv tal-konnettività mnaqqsa, l-insularità u d-distanza, billi tippermetti l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda bħas-saħħa elettronika, il-governanza elettronika u s-servizzi edukattivi.*** |

Or. en

**Emenda 67**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji, it-tkabbir esponenzjali fit-traffiku tal-broadband u d-domanda dejjem akbar għal konnettività avvanzata b'kapaċità għolja ħafna komplew iħaffu l-pass matul il-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, ħafna mill-miri stabbiliti fl-Aġenda Diġitali tal-2010[31] intlaħqu, iżda saru wkoll obsoleti. Is-sehem tal-unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet ta' 30Mbps żdied minn 58.1% fl-2013 għal ***90%*** fl-2022. Id-disponibbiltà ta' 30Mbps biss ma għadhiex valida għall-futur u mhix allinjata mal-objettivi l-ġodda stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] biex niżguraw konnettività u disponibbiltà mifruxa ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Għalhekk, fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], l-UE stabbiliet miri aġġornati għall-2030 li jikkorrespondu aħjar mal-ħtiġijiet tal-konnettività mistennija tal-futur, u li jipprovdu koperatura ***tan-networks tal-gigabits lill-unitajiet domestiċi Ewropej kollha, u ż-żoni popolati kollha*** jkunu koperti ***bil-5G.*** | (2) ***Il-ħtiġijiet tas-soċjetà għall-konverġenza tal-wisa' tal-banda tad-download u tal-upload qed jiżdiedu b'mod kostanti.*** L-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji, it-tkabbir esponenzjali fit-traffiku tal-broadband u d-domanda dejjem akbar għal konnettività avvanzata b'kapaċità għolja ħafna komplew iħaffu l-pass matul il-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, ħafna mill-miri stabbiliti fl-Aġenda Diġitali tal-2010[31] intlaħqu, iżda saru wkoll obsoleti. Is-sehem tal-unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet ta' 30Mbps żdied minn 58.1% fl-2013 għal ***90 %*** fl-2022. Id-disponibbiltà ta' 30Mbps biss ma għadhiex valida għall-futur u mhix allinjata mal-objettivi l-ġodda stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] biex niżguraw konnettività u disponibbiltà mifruxa ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Għalhekk, fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], l-UE stabbiliet miri aġġornati għall-2030 li jikkorrespondu aħjar mal-ħtiġijiet tal-konnettività mistennija tal-futur, fejn ***l-utenti finali kollha jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw is-servizzi tal-gigabits ipprovduti min-networks f'post fiss introdott sal-punt tat-terminazzjoni tan-network u ż-żoni popolati kollha jenħtieġ li*** jkunu koperti ***min-networks bla fili ta' veloċità għolja tal-ġenerazzjoni li jmiss bi prestazzjoni mill-inqas ekwivalenti għal dik tal-5G***. |

[31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, 19.05.2010, COM(2010) 245.

[32] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

[33] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

[31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, 19.05.2010, COM(2010) 245.

[32] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

[33] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

Or. en

**Emenda 68**
**Dace Melbārde,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji, it-tkabbir esponenzjali fit-traffiku tal-broadband u d-domanda dejjem akbar għal konnettività avvanzata b'kapaċità għolja ħafna komplew iħaffu l-pass matul il-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, ħafna mill-miri stabbiliti fl-Aġenda Diġitali tal-2010[31] intlaħqu, iżda saru wkoll obsoleti. Is-sehem tal-unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet ta' 30Mbps żdied minn 58.1% fl-2013 għal ***90%*** fl-2022. Id-disponibbiltà ta' 30Mbps biss ma għadhiex valida għall-futur u mhix allinjata mal-objettivi l-ġodda stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] biex niżguraw konnettività u disponibbiltà mifruxa ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Għalhekk, fid- | (2) L-evoluzzjoni rapida tat-teknoloġiji, it-tkabbir esponenzjali fit-traffiku tal-broadband u d-domanda dejjem akbar għal konnettività avvanzata b'kapaċità għolja ħafna komplew iħaffu l-pass matul il-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, ħafna mill-miri stabbiliti fl-Aġenda Diġitali tal-2010[31] intlaħqu, iżda saru wkoll obsoleti. Is-sehem tal-unitajiet domestiċi li għandhom aċċess għal veloċitajiet tal-internet ta' 30Mbps żdied minn 58.1% fl-2013 għal ***90 %*** fl-2022. Id-disponibbiltà ta' 30Mbps biss ma għadhiex valida għall-futur u mhix allinjata mal-objettivi l-ġodda stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] biex niżguraw konnettività u disponibbiltà mifruxa ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Għalhekk, fid- |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], l-UE stabbiliet miri aġġornati għall-2030 li jikkorrespondu aħjar mal-ħtiġijiet tal-konnettività mistennija tal-futur, u li jipprovdu koperatura tan-networks tal-gigabits lill-unitajiet domestiċi Ewropej kollha, u ż-żoni popolati kollha jkunu koperti ***bil-5G***. | Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33], l-UE stabbiliet miri aġġornati għall-2030 li jikkorrespondu aħjar mal-ħtiġijiet tal-konnettività mistennija tal-futur, u li jipprovdu koperatura tan-networks tal-gigabits lill-unitajiet domestiċi Ewropej kollha, u ż-żoni popolati kollha jkunu koperti ***mill-prestazzjoni ta' mill-inqas ekwivalenti għal dik tal-5G***. |
| [31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, 19.05.2010, COM(2010) 245. | [31] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, 19.05.2010, COM(2010) 245. |
| [32] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36). | [32] Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36). |
| [33] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4). | [33] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4). |
| | Or. en |

**Emenda 69**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il- | (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu ***b'mod sinifikanti*** u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall- |

| | |
|---|---|
| koordinazzjoni u ***t-tnaqqis xierqa*** tal-piżijiet amministrattivi. | ippjanar, il-koordinazzjoni ***aktar b'saħħitha*** u ***l-istabbiliment ta' proċeduri għall-għoti tal-permessi simplifikati u razzjonalizzati bħala mod ta' tnaqqis*** tal-piżijiet amministrattivi ***kemm fuq l-operaturi kif ukoll fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali; biex jintlaħqu dawn il-miri, it-tnaqqis tal-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni għandu jkollu l-impatt korrispondenti fuq it-tnaqqis tal-kost tas-servizzi għall-utent aħħari***. |
| | Or. en |

**Emenda 70**
**François-Xavier Bellamy,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. | (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi***, u l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas ta' politika fejn ġeneraturi kbar tat-traffiku jikkontribwixxu b'mod ġust għall-finanzjament adegwat tan-networks tat-telekomunikazzjoni mingħajr preġudizzju għan-newtralità tal-internet***. |
| | Or. en |

**Emenda 71**
**Bart Groothuis,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. | (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi ***u l-politiki li jistimulaw id-domanda għall-konnettività***. ***Politiki bħal dawn jenħtieġ li jqisu l-impatti fuq il-konsumaturi, u ma joħolqu l-ebda distorsjoni tas-suq.*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Maria Spyraki,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. | (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. ***Politiki bħal dawn jenħtieġ li jqisu kwalunkwe impatt dirett u indirett fuq il-konsumaturi, u ma joħolqu l-ebda distorsjoni tas-suq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kamp ta' applikazzjoni tal-premessa 3 għandu l-għan li jappoġġa l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits u l-isforz tal-UE biex jintlaħqu l-miri tal-konnettività għall-2030. Madankollu, sabiex jinkiseb l-aħjar eżitu possibbli għall-UE, għall-partijiet ikkonċernati kollha u għaċ-ċittadini tal-UE, jeħtieġ li ssir sejħa espliċita għal kwalunkwe politika vvalutata fil-Premessa 3 biex tqis l-impatt tal-konsumatur u tas-suq - anke f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar tal-UE u t-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza.*

**Emenda 73**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Adam Jarubas, Tomas Tobé, Markus Pieper, Henna Virkkunen, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. | (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki li jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi***, filwaqt li l-kostijiet għall-awtoritajiet pubbliċi jinżammu baxxi***. |

Or. en

**Emenda 74**
**Dace Melbārde,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki ***li*** jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. | (3) Biex jintlaħqu dawk il-miri, neħtieġu politiki ***biex jitnaqqas il-piż amministrattiv,*** jħaffu u jnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjoni ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni, inkluż għall-ippjanar, il-koordinazzjoni u t-tnaqqis xierqa tal-piżijiet amministrattivi. |

Or. en

**Emenda 75**
**Johan Nissinen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Oqfsa legali ċari u kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment fl-infrastruttura diġitali huma l-bażi għal soċjetà diġitali kompetittiva u minn ta' quddiem b'networks aktar moderni, aktar innovazzjoni, sigurtà għolja u servizzi bi prezz raġonevoli.*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) it-taħlit tal-ispazju u tal-art huwa importanti għall-introduzzjoni tal-konnettività biex ikun hemm tħejjija aħjar għall-mewġa li jmiss ta' infrastruttura diġitali li tippermetti lill-Ewropa tkun minn ta' quddiem nett;*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) il-ħtieġa li titqies il-backhauling bis-satellita li tippermetti li jitnaqqsu l-kostijiet għall-introduzzjoni tan-network tal-komunikazzjoni elettronika*** |

***f'konnettività diġitali b'veloċità għolja, li tirrikjedi l-introduzzjoni tal-5G fiż-żoni urbani kollha sal-2030, kif ukoll in-networks tal-broadband ultraveloċi***

Or. en

**Emenda 78**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3c) Il-progress tekniku reċenti ppermetta li jitfaċċaw kostellazzjonijiet ta' komunikazzjoni bis-satellita u gradwalment joffri servizzi ta' konnettività b'veloċità għolja u latenza baxxa, jippermetti l-konnettività madwar l-Unjoni u madwar id-dinja, għaċ-ċittadini u n-negozji, inkluż, iżda mhux limitat għall-għoti ta' aċċess għal broadband b'veloċità għolja bi prezz raġonevoli li jista' jgħin biex jitnewwew iż-żoni mejta fil-komunikazzjoni u tiżdied il-koeżjoni madwar l-Unjoni, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi tagħha, iż-żoni rurali, periferiċi, remoti u iżolati u l-gżejjer. F'dak ir-rigward, ir-riżorsi pprovduti permezz tar-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027, u b'mod partikolari l-kapaċitajiet ta' aċċess intern tal-kostellazzjonijiet tas-satellita jenħtieġ li jiġu inklużi fl-ippjanar u fil-varar ta' networks fissi u bla fili b'kapaċità għolja ħafna madwar l-Unjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konnessjoni ta' diversi inizjattivi tal-UE u l-ħolqien ta' sinerġiji*

**Emenda 79**
**Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet deskritti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri, flimkien mal-entitajiet kompetenti tal-UE, għandhom jikkunsidraw l-użu ta' servizzi ta' backhauling tan-network ibbażati fuq is-satellita. Dan jenħtieġ li jimminimizza l-kostijiet assoċjati mal-introduzzjoni ta' infrastrutturi ta' komunikazzjoni li joffru konnettività diġitali b'veloċità għolja.*** |

Or. en

**Emenda 80**
**François-Xavier Bellamy,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna (kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/1972) madwar l-Unjoni teħtieġ investiment sostanzjali, li proporzjon sinifikanti minnu hu l-kost tax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili. Il-kondiviżjoni tal-infrastruttura fiżika tillimita l-kostijiet tax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili u tagħmel l-introduzzjoni tal-broadband avvanzat aktar effettiva. | (5) L-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna (kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/1972) madwar l-Unjoni teħtieġ investiment sostanzjali, li proporzjon sinifikanti minnu hu l-kost tax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili. Il-kondiviżjoni tal-infrastruttura fiżika tillimita l-kostijiet tax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili u tagħmel l-introduzzjoni tal-broadband avvanzat aktar effettiva. ***Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-kompetizzjoni ma tipprevjenix il-kondiviżjoni tal-infrastruttura tan-*** |

***network, speċjalment f'żoni ta' traffiku baxx.***

Or. en

**Emenda 81**
**Cristian-Silviu Buşoi, Ioan-Rareş Bogdan,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2014/61/UE għenu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjonijiet tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Iżda dawn il-miżuri jenħtieġ li jissaħħu biex ikomplu jitnaqqsu l-kostijiet u titħaffef l-introduzzjoni tan-networks. | (8) Il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2014/61/UE għenu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjonijiet tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Iżda dawn il-miżuri jenħtieġ li jissaħħu biex ikomplu jitnaqqsu l-kostijiet u titħaffef l-introduzzjoni tan-networks. ***Dan għandu jikkontribwixxi biex jitbaxxew il-prezzijiet għad-data fis-servizzi tar-roaming u biex jiġu eliminati r-restrizzjonijiet fuq il-volum tad-data fir-roaming.*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2014/61/UE għenu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjonijiet tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Iżda dawn il-miżuri jenħtieġ li jissaħħu biex ikomplu jitnaqqsu l-kostijiet u titħaffef l-introduzzjoni tan-networks. | (8) Il-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2014/61/UE għenu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-introduzzjonijiet tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Iżda dawn il-miżuri jenħtieġ li jissaħħu ***u jiġu ssimplifikati*** biex ikomplu jitnaqqsu l-kostijiet u titħaffef l- |

introduzzjoni tan-networks***, f'konformità mal-Prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" (DNSH), meta rilevanti***.

Or. en

**Emenda 83**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-miżuri maħsuba biex l-infrastrutturi pubbliċi u privati eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jonqsu l-kostijiet u l-ostakli fit-twettiq tax-xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili jenħtieġ li jkunu jikkontribwixxu sostanzjalment biex tkun żgurata introduzzjoni malajr u estensiva ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jżommu kompetizzjoni effettiva mingħajr ma jagħmlu ħsara lis-sikurezza, lis-sigurtà u lill-operat bla xkiel tal-infrastruttura eżistenti. | (9) Il-miżuri maħsuba biex l-infrastrutturi pubbliċi u privati eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jonqsu l-kostijiet u l-ostakli fit-twettiq tax-xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili jenħtieġ li jkunu jikkontribwixxu sostanzjalment biex tkun żgurata introduzzjoni malajr u estensiva ta' networks b'kapaċità għolja ħafna***, b'mod partikolari f'żoni rurali, insulari u remoti, bħal għejjer u reġjuni muntanjużi u skarsament popolati, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-kurituri tat-trasport***. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jżommu kompetizzjoni effettiva mingħajr ma jagħmlu ħsara lis-sikurezza, lis-sigurtà***, lis-saħħa pubblika, lill-ambjent*** u lill-operat bla xkiel tal-infrastruttura eżistenti. |

Or. en

**Emenda 84**
**Johan Nissinen,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-miżuri maħsuba biex l- | (9) Il-miżuri maħsuba biex l- |

| | |
|---|---|
| infrastrutturi pubbliċi u privati eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jonqsu l-kostijiet u l-ostakli fit-twettiq tax-xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili jenħtieġ li jkunu jikkontribwixxu sostanzjalment biex tkun żgurata introduzzjoni malajr u estensiva ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jżommu kompetizzjoni effettiva mingħajr ma jagħmlu ħsara lis-sikurezza, lis-sigurtà u lill-operat bla xkiel tal-infrastruttura eżistenti. | infrastrutturi pubbliċi u privati eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jonqsu l-kostijiet u l-ostakli fit-twettiq tax-xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili jenħtieġ li jkunu jikkontribwixxu sostanzjalment biex tkun żgurata introduzzjoni malajr u estensiva ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jżommu ***u jippromwovu*** kompetizzjoni ***effettiva, peress li l-fatt li wieħed ikun l-ewwel attur li jniedi teknoloġija jew servizz ġdid f'qasam huwa wieħed mill-muturi ewlenin tal-investiment fl-infrastruttura diġitali. Kwalunkwe promozzjoni bħal din għandha ssir*** effettiva mingħajr ma jagħmlu ħsara lis-sikurezza, lis-sigurtà u lill-operat bla xkiel tal-infrastruttura eżistenti. |
| | Or. en |

**Emenda 85**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Matthias Ecke, Josianne Cutajar, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-miżuri maħsuba biex l-infrastrutturi pubbliċi u privati eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jonqsu l-kostijiet u l-ostakli fit-twettiq tax-xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili jenħtieġ li jkunu jikkontribwixxu sostanzjalment biex tkun żgurata introduzzjoni malajr u estensiva ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jżommu kompetizzjoni effettiva mingħajr ma jagħmlu ħsara lis-sikurezza, lis-sigurtà u lill-operat bla xkiel tal-infrastruttura eżistenti. | (9) Il-miżuri maħsuba biex l-infrastrutturi pubbliċi u privati eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u jonqsu l-kostijiet u l-ostakli fit-twettiq tax-xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili jenħtieġ li jkunu jikkontribwixxu sostanzjalment biex tkun żgurata introduzzjoni malajr u estensiva ta' networks b'kapaċità għolja ħafna ***fiż-żoni kollha, inklużi ż-żoni rurali u remoti***. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jżommu kompetizzjoni effettiva mingħajr ma jagħmlu ħsara lis-sikurezza, lis-sigurtà u lill-operat bla xkiel tal-infrastruttura eżistenti. |
| | Or. en |

**Emenda 86**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Minħabba l-għadd dejjem jikber ta' permessi għal networks ta' kapaċità għolja ħafna, u l-karattru predominantement lokali tagħhom, it-tariffi għall-permessi għax-xogħlijiet ċivili jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u fihom stess. Dawn jistgħu jirrappreżentaw ukoll parti sinifikanti mill-kost tal-implimentazzjoni, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, remoti, insulari u ġejjer, fejn il-kost tal-implimentazzjoni għal kull utent huwa l-ogħla. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-kost għall-għoti tal-permessi jinżamm f'livell, li ma jkunx diżinċentiv għall-investiment, filwaqt li titqies il-multipliċità ta' permessi ta' spiss meħtieġa.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Il-politiki dwar l-infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja, u l-investimenti fiha, jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw konnettività aċċessibbli għal kulħadd u kullimkien fl-Unjoni, b'aċċess*** |

***għall-internet disponibbli, sabiex jingħalaq id-distakk diġitali madwar l-Unjoni kollha, b'enfasi partikolari fuq id-distakk bejn iż-żoni ġeografiċi differenti, f'żoni rurali u remoti, bħall-gżejjer u r-reġjuni muntanjużi u skarsament popolati, kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-kurituri tat-trasport.***

Or. en

**Emenda 88**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji ta' skala. Dan jista' jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Pereżempju, | (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji ta' skala. Dan jista' jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ***u/jew rapidu*** ta' infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. |

l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b'format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b'format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. ***Fuq l-istess nota, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu obbligi tal-prezzijiet aktar stretti orjentati lejn il-kostijiet fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet skont liema jenħtieġ li jiġu ssodisfati t-talbiet għall-aċċess. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu wkoll eżenzjonijiet ta' permessi supplimentari jew jimponu perjodi ta' żmien aktar stretti għall-għoti jew iċ-ċaħda ta' permessi, dment li ma jiksrux id-dritt tal-Unjoni inklużi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

**Emenda 89**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. ***Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji*** | (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti |

***ta' skala. Dan jista' jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni.*** Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw ***id-drittijiet*** u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b'format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

ta' infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw ***jew imorru lil hinn mid-drittijiet*** u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b'format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 90**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Adam Jarubas, Tomas Tobé, Henna Virkkunen, Adriana Maldonado López, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li | (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali***, filwaqt li jiġu rrispettati l-istrutturi kostituzzjonali differenti tal-Istati Membri, inkluż l-awtonomija reġjonali u lokali u l-prinċipju tal-*** |

jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji ta' skala. Dan jista' jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b'format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

***awtonomija proċedurali tal-Istati Membri***. Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji ta' skala. Dan jista' jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b'format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 91**
**Dace Melbārde,**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks | (11) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ u jarmonizza d-drittijiet u l-obbligi applikabbli madwar l-Unjoni biex iħaffef l-introduzzjoni tan-networks |

b’kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji ta’ skala. Dan jista’ jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f’konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta’ infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f’dan ir-Regolament. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b’format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.

b’kapaċità għolja ħafna u l-koordinazzjoni transsettorjali. Minħabba l-frammentazzjoni persistenti tas-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fi swieq nazzjonali individwali, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ma jistgħux jiksbu ekonomiji ta’ skala. Dan jista’ jkollu effett downstream qawwi fuq il-kummerċ transfruntier u l-forniment tas-servizzi, peress li ħafna servizzi jistgħu jingħataw biss fejn ikun hemm network bi prestazzjoni adegwata madwar l-Unjoni. Filwaqt li jiżgura ambjent ekwu mtejjeb, dan ir-Regolament ma jwaqqafx milli jittieħdu miżuri nazzjonali f’konformità mal-liġi tal-Unjoni bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta’ infrastruttura fiżika ġdida billi jikkumplimentaw id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti f’dan ir-Regolament. Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu ***jqassru l-iskadenzi għall-għoti tal-permessi meħtieġa għall-introduzzjoni,*** jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili wkoll għall-proġetti ffinanzjati mill-privat jew jeżiġu li tingħata aktar informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika jew ix-xogħlijiet ċivili ppjanati lil punt uniku tal-informazzjoni b’format elettroniku, diment li ma jkunux jiksru l-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 92**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Massimiliano Salini, Adam Jarubas, Tomas Tobé, Seán Kelly, Henna Virkkunen, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, | (12) Biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, |

inkluż fir-rigward tal-miżuri regolatorji speċifiċi imposti skont id-Direttiva (UE) 2018/1972, it-Titolu II, il-Kapitoli II sa IV u d-Direttiva 2002/77/KE[36], id-dispożizzjonijiet ta' dawn id-direttivi jenħtieġ li jipprevalu fuq dan ir-Regolament.

[36] Id-Direttiva 2002/77/KE tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 249, 17.9.2002, p. 21).

inkluż fir-rigward tal-miżuri regolatorji speċifiċi imposti skont id-Direttiva (UE) 2018/1972, it-Titolu II, il-Kapitoli II sa IV u d-Direttiva 2002/77/KE[36], id-dispożizzjonijiet ta' dawn id-direttivi ***u l-implimentazzjonijiet nazzjonali tagħhom*** jenħtieġ li jipprevalu fuq dan ir-Regolament.

[36] Id-Direttiva 2002/77/KE tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 249, 17.9.2002, p. 21).

Or. en

**Emenda 93**
**Franc Bogovič**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Jista' jkun ferm aktar effiċjenti ***għall-operaturi***, b'mod partikolari għall-parteċipanti ġodda, li jerġgħu jużaw l-infrastruttura fiżika eżistenti, inkluż dik ta' utilitajiet oħra, biex jintroduċu networks b'kapaċità għolja ħafna ***jew il-faċilitajiet assoċjati***. Dan hu l-każ b'mod partikolari għaż-żoni li ma jkollhom l-ebda network tal-komunikazzjoni elettronika addattat jew li ma jkunx ekonomikament fattibbli li jibnu infrastruttura fiżika ġdida. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn is-setturi jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' xogħlijiet ċivili relatati mal-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna. Dan l-użu mill-ġdid jista' jnaqqas ukoll il-kostijiet soċjali u ambjentali relatati ma' dawn ix-xogħlijiet, bħat-tniġġis, l-istorbju u l-konġestjoni tat-traffiku. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun japplika ***għall-operaturi*** | (13) Jista' jkun ferm aktar effiċjenti ***għall-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika***, b'mod partikolari għall-parteċipanti ġodda, li jerġgħu jużaw l-infrastruttura fiżika eżistenti, inkluż dik ta' utilitajiet oħra, biex jintroduċu networks b'kapaċità għolja ħafna. Dan hu l-każ b'mod partikolari għaż-żoni li ma jkollhom l-ebda network tal-komunikazzjoni elettronika addattat jew li ma jkunx ekonomikament fattibbli li jibnu infrastruttura fiżika ġdida. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn is-setturi jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' xogħlijiet ċivili relatati mal-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna. Dan l-użu mill-ġdid jista' jnaqqas ukoll il-kostijiet soċjali u ambjentali relatati ma' dawn ix-xogħlijiet, bħat-tniġġis, l-istorbju u l-konġestjoni tat- |

***daqskemm*** għas-sidien jew id-detenturi tad-drittijiet għall-użu ta' infrastruttura fiżika estensiva u mifruxa li tkun adattata biex tilqa' elementi tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, bħan-networks fiżiċi tal-forniment tal-elettriku, tal-gass, tal-ilma u tad-drenaġġ u s-sistemi tad-drenaġġ, u s-servizzi tat-tisħin u tat-trasport. Fil-każ tad-detenturi tad-drittijiet, dan ma jbiddel l-ebda dritt tal-proprjetà ta' partijiet terzi.

| (42) Biex ikun żgurat li l-proċeduri tal-għoti ta' dawn il-permessi u drittijiet ta' passaġġ jitlestew fi skadenzi raġonevoli, kif jidher minn ċerti prattiki ta' modernizzazzjoni u prattiki amministrattivi tajbin fil-livell nazzjonali, hu meħtieġ li jitfasslu prinċipji għas-simplifikazzjoni amministrattiva. Dan jenħtieġ li jinkludi, inter alia, li l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel jiġi limitat għall-każijiet meta jkun essenzjali***, u li tiddaħħal approvazzjoni taċita mill-awtoritajiet kompetenti meta jkun għadda ċertu żmien***. Barra minn hekk, il-kategoriji tal-introduzzjonijiet eżentati mill-permessi skont il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li ma jibqgħux soġġetti għall-permessi skont il-liġi nazzjonali. | (42) Biex ikun żgurat li l-proċeduri tal-għoti ta' dawn il-permessi u drittijiet ta' passaġġ jitlestew fi skadenzi raġonevoli, kif jidher minn ċerti prattiki ta' modernizzazzjoni u prattiki amministrattivi tajbin fil-livell nazzjonali, hu meħtieġ li jitfasslu prinċipji għas-simplifikazzjoni amministrattiva. Dan jenħtieġ li jinkludi, inter alia, li l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel jiġi limitat għall-każijiet meta jkun essenzjali. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu jew jintroduċu proċedura ta' awtorizzazzjoni simplifikata jew proċeduri ta' komunikazzjoni minn qabel li jistgħu jeżistu skont il-liġi nazzjonali, applikabbli għall-introduzzjoni ta' kwalunkwe element ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati***. Barra minn |

| | |
|---|---|
| | hekk, il-kategoriji tal-introduzzjonijiet eżentati mill-permessi skont il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li ma jibqgħux soġġetti għall-permessi skont il-liġi nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 157**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, kull tariffa relatata ma' permess, għajr id-drittijiet ta' passaġġ, jenħtieġ li tkun limitata għall-kostijiet amministrattivi relatati mal-ipproċessar tat-talba għall-permess skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. Fil-każ tad-drittijiet ta' passaġġ, japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 42 u 43 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. | (43) Biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, kull tariffa relatata ma' permess, għajr id-drittijiet ta' passaġġ, jenħtieġ li tkun limitata għall-kostijiet amministrattivi relatati mal-ipproċessar tat-talba għall-permess ***u tqis dawn il-kostijiet*** skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. Fil-każ tad-drittijiet ta' passaġġ, japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 42 u 43 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'konformità mal-bidliet proposti fl-Artikolu, l-awtoritajiet lokali xorta jistgħu jibbenefikaw minn ċerta flessibbiltà.*

**Emenda 158**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(44) Biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 jeħtieġ li, sal-2030, l-utenti finali kollha fil-postijiet fissi jkunu koperti minn network tal-gigabits sa punt tat-terminazzjoni tan-network, u ż-żoni popolati kollha jkunu koperti minn networks bla fili ta' veloċità għolja tal-ġenerazzjoni li jmiss bi prestazzjoni mill-inqas ekwivalenti għall-5G, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat il-forniment tan-networks tal-gigabits lill-utent finali, b'mod partikolari b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta għall-fibra. It-tħejjija ta' kanali żgħar waqt il-kostruzzjoni tal-bini għandu biss kost inkrementali limitat, filwaqt li t-tagħmir tal-bini b'infrastruttura tal-gigabits jista' jirrappreżenta parti sinifikanti mill-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-gigabits. Għalhekk, il-binjiet ġodda kollha jew il-binjiet soġġetti għal rinnovazzjoni kbira jenħtieġ li jkunu attrezzati b'infrastruttura fiżika u b'wajers tal-fibra ġol-bini, biex l-utenti finali jkunu jistgħu jiġu konnessi ma' veloċitajiet tal-gigabits. Il-binjiet ġodda b'ħafna abitazzjonijiet u l-binjiet b'ħafna abitazzjonijiet soġġetti għal rinnovazzjoni kbira jenħtieġ li jiġu attrezzati wkoll b'punt tal-aċċess, aċċessibbli għal impriża waħda jew aktar li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Barra minn hekk, l-iżviluppaturi tal-bini jenħtieġ li jħejju pajpijiet vojta minn kull abitazzjoni sal-punt tal-aċċess, li jkun jinsab ġol-bini b'ħafna abitazzjonijiet jew fuq barra. Rinnovazzjonijiet kbar ta' bini eżistenti fil-post tal-utent aħħari biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija (skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]) jipprovdu opportunità biex dawk il-binjiet jiġu mgħammra wkoll b'infrastruttura fiżika lesta għall-fibra ġol-bini, wajers tal-fibra ġol-bini u, għal bini b'ħafna abitazzjonijiet, punt ta' aċċess.

(44) Biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 jeħtieġ li, sal-2030, l-utenti finali kollha fil-postijiet fissi jkunu koperti minn network tal-gigabits sa punt tat-terminazzjoni tan-network, u ż-żoni popolati kollha jkunu koperti minn networks bla fili ta' veloċità għolja tal-ġenerazzjoni li jmiss bi prestazzjoni mill-inqas ekwivalenti għall-5G, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat il-forniment tan-networks tal-gigabits lill-utent finali, b'mod partikolari b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta għall-fibra. It-tħejjija ta' kanali żgħar waqt il-kostruzzjoni tal-bini għandu biss kost inkrementali limitat, filwaqt li t-tagħmir tal-bini b'infrastruttura tal-gigabits jista' jirrappreżenta parti sinifikanti mill-kost tal-introduzzjoni tan-networks tal-gigabits. Għalhekk, il-binjiet ġodda kollha jew il-binjiet soġġetti għal ***rikostruzzjoni jew*** rinnovazzjoni kbira jenħtieġ li jkunu attrezzati b'infrastruttura fiżika u b'wajers tal-fibra ġol-bini, biex l-utenti finali jkunu jistgħu jiġu konnessi ma' veloċitajiet tal-gigabits. Il-binjiet ġodda b'ħafna abitazzjonijiet u l-binjiet b'ħafna abitazzjonijiet soġġetti għal rinnovazzjoni kbira jenħtieġ li jiġu attrezzati wkoll b'punt tal-aċċess, aċċessibbli għal impriża waħda jew aktar li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Barra minn hekk, l-iżviluppaturi tal-bini jenħtieġ li jħejju pajpijiet vojta minn kull abitazzjoni sal-punt tal-aċċess, li jkun jinsab ġol-bini b'ħafna abitazzjonijiet jew fuq barra. Rinnovazzjonijiet kbar ta' bini eżistenti fil-post tal-utent aħħari biex jittejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija (skont id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]) jipprovdu opportunità biex dawk il-binjiet jiġu mgħammra wkoll b'infrastruttura fiżika lesta għall-fibra ġol-bini, wajers tal-fibra ġol-bini u, għal bini b'ħafna abitazzjonijiet, punt ta' aċċess.

[40] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

[40] Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

Or. en

**Emenda 159**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Il-prospett li l-bini jiġi attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***, punt tal-aċċess jew wajers tal-fibra ġol-bini jista' jitqies sproporzjonat mil-lat ta' kostijiet, jiġifieri għal abitazzjonijiet uniċi ġodda jew għall-bini li jkunu qed isirulu xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni. Dan jista' jiġi bbażat fuq raġunijiet oġġettivi, bħal stimi tal-kostijiet imfassla apposta, raġunijiet ekonomiċi marbuta mal-post, jew raġunijiet ta' konservazzjoni tal-wirt urban jew ambjentali (pereżempju għal kategoriji speċifiċi ta' monumenti). | (45) Il-prospett li l-bini jiġi attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***, punt tal-aċċess jew wajers tal-fibra ġol-bini jista' jitqies sproporzjonat mil-lat ta' kostijiet, jiġifieri għal abitazzjonijiet uniċi ġodda jew għall-bini li jkunu qed isirulu xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni. Dan jista' jiġi bbażat fuq raġunijiet oġġettivi, bħal stimi tal-kostijiet imfassla apposta, raġunijiet ekonomiċi marbuta mal-post, jew raġunijiet ta' konservazzjoni tal-wirt urban jew ambjentali (pereżempju għal kategoriji speċifiċi ta' monumenti). |

Or. en

**Emenda 160**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Ix-xerrejja u l-inkwilini prospettivi jenħtieġ li jkunu jistgħu jindunaw li l-bini | (46) Ix-xerrejja u l-inkwilini prospettivi jenħtieġ li jkunu jistgħu jindunaw li l-bini |

jkun attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***, punt tal-aċċess u wajers tal-fibra ġol-bini u li għalhekk għandu potenzjal konsiderevoli li jiffrankalhom il-kostijiet. Jenħtieġ li tiġi promossa wkoll it-tħejjija tal-bini għall-fibra. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw tikketta obbligatorja ***"***lest ***għall-fibra"*** għall-bini attrezzat b'din l-infrastruttura, punt tal-aċċess u wajers tal-fibra ġol-bini f'konformità ma' dan ir-Regolament.

jkun attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***, punt tal-aċċess u wajers tal-fibra ġol-bini u li għalhekk għandu potenzjal konsiderevoli li jiffrankalhom il-kostijiet. Jenħtieġ li tiġi promossa wkoll it-tħejjija tal-bini għall-fibra. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw tikketta obbligatorja "lest ***għall-gigabits***" għall-bini attrezzat b'din l-infrastruttura, punt tal-aċċess u wajers tal-fibra ġol-bini f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 161**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) L-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jintroduċu networks tal-gigabits f'żona speċifika jistgħu jiksbu ekonomiji ta' skala sinifikanti jekk ikunu jistgħu jitterminaw in-network tagħhom għall-punt tal-aċċess tal-bini billi jużaw l-infrastruttura fiżika eżistenti u jreġġgħu lura ż-żona affettwata. Jenħtieġ li dan ikun possibbli, irrispettivament minn jekk abbonat ikunx esprima interess espliċitu għas-servizz f'dak il-mument, u diment li l-impatt fuq il-proprjetà privata jiġi minimizzat, ladarba n-network jiġi tterminat fil-punt tal-aċċess, il-konnessjoni ta' klijent addizzjonali tkun possibbli b'kost ferm inqas, b'mod partikolari b'aċċess għal segment vertikali lest għall-fibra ġol-binja, meta dan ikun diġà jeżisti. Dak l-objettiv jintlaħaq ukoll meta l-binja nnifisha tkun diġà attrezzata b'network tal-gigabits li l-aċċess għalih jingħata lil kull fornitur ta' networks | (47) L-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jintroduċu networks tal-gigabits f'żona speċifika jistgħu jiksbu ekonomiji ta' skala sinifikanti jekk ikunu jistgħu jitterminaw in-network tagħhom għall-punt tal-aċċess tal-bini billi jużaw l-infrastruttura fiżika eżistenti u jreġġgħu lura ż-żona affettwata. Jenħtieġ li dan ikun possibbli, irrispettivament minn jekk abbonat ikunx esprima interess espliċitu għas-servizz f'dak il-mument, u diment li l-impatt fuq il-proprjetà privata jiġi minimizzat, ***u d-dritt tal-proprjetà jiġi rrispettat bis-sħiħ.*** Ladarba n-network jiġi tterminat fil-punt tal-aċċess, il-konnessjoni ta' klijent addizzjonali tkun possibbli b'kost ferm inqas, b'mod partikolari b'aċċess għal segment vertikali lest għall-fibra ġol-binja, meta dan ikun diġà jeżisti. Dak l-objettiv jintlaħaq ukoll meta l-binja nnifisha tkun diġà attrezzata b'network tal-gigabits li l- |

| | |
|---|---|
| pubbliċi tal-komunikazzjoni li jkollu xi abbonat attiv fil-binja, b'termini u kundizzjonijiet trasparenti, proporzjonati u nondiskriminatorji. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fl-Istati Membri li jkunu ħadu miżuri skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. | aċċess għalih jingħata lil kull fornitur ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni li jkollu xi abbonat attiv fil-binja, b'termini u kundizzjonijiet trasparenti, proporzjonati u nondiskriminatorji. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fl-Istati Membri li jkunu ħadu miżuri skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2018/1972. |

Or. en

**Emenda 162**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) Biex jikkontribwixxu għall-iżgurar tad-disponibbiltà ta' networks tal-gigabits għall-utenti finali, il-binjiet ġodda u l-binjiet rinnovati bil-kbir jenħtieġ li jiġu attrezzati b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***, wajers tal-fibra ġol-bini u, fil-każ tal-bini b'ħafna abitazzjonijiet, punt tal-aċċess. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom ċertu grad ta' flessibbiltà biex jiksbu dan. Għalhekk, dan ir-Regolament ma għandux l-għan li jarmonizza r-regoli dwar il-kostijiet relatati, inkluż l-irkupru tal-kostijiet biex il-bini jiġi attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***, wajers tal-fibra ġol-bini u punt tal-aċċess. | (48) Biex jikkontribwixxu għall-iżgurar tad-disponibbiltà ta' networks tal-gigabits għall-utenti finali, il-binjiet ġodda u l-binjiet rinnovati bil-kbir jenħtieġ li jiġu attrezzati b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***, wajers tal-fibra ġol-bini u, fil-każ tal-bini b'ħafna abitazzjonijiet, punt tal-aċċess. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom ċertu grad ta' flessibbiltà biex jiksbu dan. Għalhekk, dan ir-Regolament ma għandux l-għan li jarmonizza r-regoli dwar il-kostijiet relatati, inkluż l-irkupru tal-kostijiet biex il-bini jiġi attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***, wajers tal-fibra ġol-bini u punt tal-aċċess. |

Or. en

**Emenda 163**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-bini mibni ġdid jew rinnovat bil-kbir jiġi attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra*** u b'wajers tal-fibra ġol-bini; u l-bini ġdid jew rinnovat bil-kbir b'ħafna abitazzjonijiet jiġi attrezzat b'punt tal-aċċess. Dawk l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jistabbilixxu mill-inqas: l-ispeċifikazzjonijiet tal-punt tal-aċċess tal-binjiet; l-ispeċifikazzjonijiet tal-interfaċċa tal-fibra; l-ispeċifikazzjonijiet tal-kejbil; l-ispeċifikazzjonijiet tas-sokit; l-ispeċifikazzjonijiet għall-pajpijiet jew l-kanali żgħar; l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex tkun evitata interferenza mal-kejbils elettriċi, u r-raġġ minimu tal-liwja. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-ħruġ tal-permessi tal-bini kundizzjonali għall-konformità tal-proġett rilevanti tal-bini ġdid jew tax-xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni li jeħtieġu permess tal-bini mal-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi abbażi ta' rapport tat-test iċċertifikat. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll skemi taċ-ċertifikazzjoni biex juru l-konformità mal-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u biex jikkwalifikaw għat-tikketta ***"***lest ***għall-fibra"***. Barra minn hekk, biex tkun evitata aktar burokrazija relatata mal-iskema taċ-ċertifikazzjoni stabbilita skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu r-rekwiżiti proċedurali applikati għall-iskemi taċ-ċertifikazzjoni skont id-Direttiva 2010/31/UE, u jikkunsidraw il-possibbiltà li jippermettu t-tnedija kkombinata taż-żewġ proċeduri tat-talba. | (49) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex il-bini mibni ġdid jew rinnovat bil-kbir jiġi attrezzat b'infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits*** u b'wajers tal-fibra ġol-bini; u l-bini ġdid jew rinnovat bil-kbir b'ħafna abitazzjonijiet jiġi attrezzat b'punt tal-aċċess. Dawk l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jenħtieġ li jistabbilixxu mill-inqas: l-ispeċifikazzjonijiet tal-punt tal-aċċess tal-binjiet; l-ispeċifikazzjonijiet tal-interfaċċa tal-fibra; l-ispeċifikazzjonijiet tal-kejbil; l-ispeċifikazzjonijiet tas-sokit; l-ispeċifikazzjonijiet għall-pajpijiet jew l-kanali żgħar; l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa biex tkun evitata interferenza mal-kejbils elettriċi, u r-raġġ minimu tal-liwja. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu l-ħruġ tal-permessi tal-bini kundizzjonali għall-konformità tal-proġett rilevanti tal-bini ġdid jew tax-xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni li jeħtieġu permess tal-bini mal-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi abbażi ta' rapport tat-test iċċertifikat. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll skemi taċ-ċertifikazzjoni biex juru l-konformità mal-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, u biex jikkwalifikaw għat-tikketta "lest ***għall-gigabits***". Barra minn hekk, biex tkun evitata aktar burokrazija relatata mal-iskema taċ-ċertifikazzjoni stabbilita skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu r-rekwiżiti proċedurali applikati għall-iskemi taċ-ċertifikazzjoni skont id-Direttiva 2010/31/UE, u jikkunsidraw il-possibbiltà li jippermettu t-tnedija kkombinata taż-żewġ proċeduri tat-talba. |

Or. en

**Emenda 164**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) Fid-dawl tal-benefiċċji soċjali miksuba bl-inklużjoni diġitali u filwaqt li jitqiesu l-ekonomiji bl-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, meta la jkun hemm infrastruttura passiva jew attiva eżistenti lesta għall-fibra li sservi l-bini tal-utenti finali u lanqas ma jkun hemm alternattivi biex jingħataw networks b'kapaċità għolja ħafna lil abbonat, jenħtieġ li kull fornitur ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni jkollu d-dritt li jittermina n-network tiegħu għall-post privat bi spejjeż tiegħu, diment li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata, pereżempju, jekk possibbli, billi terġa' tintuża l-infrastruttura fiżika eżistenti disponibbli fil-bini jew billi jkun żgurat li ż-żoni affettwati jitreġġgħu lura għalkollox. | (50) Fid-dawl tal-benefiċċji soċjali miksuba bl-inklużjoni diġitali u filwaqt li jitqiesu l-ekonomiji bl-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, meta la jkun hemm infrastruttura passiva jew attiva eżistenti lesta għall-fibra li sservi l-bini tal-utenti finali u lanqas ma jkun hemm alternattivi biex jingħataw networks b'kapaċità għolja ħafna lil abbonat, jenħtieġ li kull fornitur ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni jkollu d-dritt li jittermina n-network tiegħu għall-post privat bi spejjeż tiegħu, diment li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata ***u jiġi rrispettat bis-sħiħ id-dritt tal-proprjetà***, pereżempju, jekk possibbli, billi terġa' tintuża l-infrastruttura fiżika eżistenti disponibbli fil-bini jew billi jkun żgurat li ż-żoni affettwati jitreġġgħu lura għalkollox. |

Or. en

**Emenda 165**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) Fid-dawl tal-benefiċċji soċjali miksuba bl-inklużjoni diġitali u filwaqt li jitqiesu l-ekonomiji bl-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, meta la | (50) Fid-dawl tal-benefiċċji soċjali miksuba bl-inklużjoni diġitali u filwaqt li jitqiesu l-ekonomiji bl-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, meta la |

| | |
|---|---|
| jkun hemm infrastruttura passiva jew attiva eżistenti lesta ***għall-fibra*** li sservi l-bini tal-utenti finali u lanqas ma jkun hemm alternattivi biex jingħataw networks b'kapaċità għolja ħafna lil abbonat, jenħtieġ li kull fornitur ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni jkollu d-dritt li jittermina n-network tiegħu għall-post privat bi spejjeż tiegħu, diment li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata, pereżempju, jekk possibbli, billi terġa' tintuża l-infrastruttura fiżika eżistenti disponibbli fil-bini jew billi jkun żgurat li ż-żoni affettwati jitreġġgħu lura għalkollox. | jkun hemm infrastruttura passiva jew attiva eżistenti lesta ***għall-gigabits*** li sservi l-bini tal-utenti finali u lanqas ma jkun hemm alternattivi biex jingħataw networks b'kapaċità għolja ħafna lil abbonat, jenħtieġ li kull fornitur ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni jkollu d-dritt li jittermina n-network tiegħu għall-post privat bi spejjeż tiegħu, diment li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata, pereżempju, jekk possibbli, billi terġa' tintuża l-infrastruttura fiżika eżistenti disponibbli fil-bini jew billi jkun żgurat li ż-żoni affettwati jitreġġgħu lura għalkollox. |

Or. en

**Emenda 166**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Biex tkun żgurata l-konsistenza tal-approċċi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEREC, il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida dwar l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ġol-bini, inkluż iżda mhux biss dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u tal-korpi nazzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq waqt it-tħejjija tal-gwida. | (52) Biex tkun żgurata l-konsistenza tal-approċċi ***filwaqt li titqies is-sitwazzjoni diverġenti fost l-Istati Membri***, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEREC, il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida dwar l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ġol-bini, inkluż iżda mhux biss dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u ***b'mod partikolari*** tal-korpi nazzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq waqt it-tħejjija tal-gwida ***biex jiġi żgurat kemm jista' jkun li tali gwida ma tfixkilx il-prinċipji stabbiliti sew, ma tiksirx ir-regoli proċedurali tal-korpi nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, u ma tkunx ta' ħsara għal aktar introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna***. |

Or. en

**Emenda 167**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 52**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (52) Biex tkun żgurata l-konsistenza tal-approċċi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEREC, il-Kummissjoni ***tista'*** tipprovdi gwida dwar l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ġol-bini, inkluż iżda mhux biss dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u tal-korpi nazzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq waqt it-tħejjija tal-gwida. | (52) Biex tkun żgurata l-konsistenza tal-approċċi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEREC, il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tipprovdi gwida***, sa mill-inqas sitt xhur qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,*** dwar l-applikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ġol-bini, inkluż iżda mhux biss dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati u tal-korpi nazzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq waqt it-tħejjija tal-gwida. ***Meta jitqies il-livell ta' flessibbiltà rikonoxxut lill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u sabiex tkun effiċjenti, tali gwida jenħtieġ li tipprovdi livell xieraq ta' granularità.*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Franc Bogovič**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (53) Biex jitħeġġu l-modernizzazzjoni u l-aġilità tal-proċeduri amministrattivi u jitnaqqsu l-kost u l-ħin tal-proċeduri tal-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, is-servizzi tal-punti uniċi tal- | (53) Biex jitħeġġu l-modernizzazzjoni u l-aġilità tal-proċeduri amministrattivi u jitnaqqsu l-kost u l-ħin tal-proċeduri tal-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, is-servizzi tal-punti uniċi tal- |

| | |
|---|---|
| informazzjoni jenħtieġ li jsiru kompletament online. Għal dak il-għan, il-punti uniċi tal-informazzjoni jenħtieġ li jipprovdu aċċess faċli għall-għodod diġitali meħtieġa, bħal portali web, pjattaformi diġitali u applikazzjonijiet diġitali. L-għodod jenħtieġ li jagħtu aċċess b'mod effiċjenti għall-informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti u x-xogħlijiet ċivili ppjanati u l-possibbiltà li tintalab l-informazzjoni. Dawn l-għodod diġitali jenħtieġ li jagħtu aċċess ukoll għall-proċeduri amministrattivi elettroniċi tal-għoti tal-permessi u d-drittijiet ta' passaġġ, u informazzjoni relatata dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli. Meta jiġi stabbilit aktar minn punt uniku tal-informazzjoni wieħed fi Stat Membru, il-punti uniċi tal-informazzjoni kollha jenħtieġ li jkunu aċċessibbli faċilment u bla xkiel, b'mezzi elettroniċi, tramite punt tad-dħul diġitali nazzjonali uniku. Dan il-punt tad-dħul jenħtieġ li jkollu interfaċċa komuni tal-utenti li tiżgura aċċess għall-punti uniċi tal-informazzjoni online. Il-punt tad-dħul diġitali nazzjonali uniku jenħtieġ li jiffaċilita l-interazzjoni bejn ***l-operaturi*** u l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-funzjonijiet tal-punti uniċi tal-informazzjoni. | informazzjoni jenħtieġ li jsiru kompletament online. Għal dak il-għan, il-punti uniċi tal-informazzjoni jenħtieġ li jipprovdu aċċess faċli għall-għodod diġitali meħtieġa, bħal portali web, pjattaformi diġitali u applikazzjonijiet diġitali. L-għodod jenħtieġ li jagħtu aċċess b'mod effiċjenti għall-informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti u x-xogħlijiet ċivili ppjanati u l-possibbiltà li tintalab l-informazzjoni. Dawn l-għodod diġitali jenħtieġ li jagħtu aċċess ukoll għall-proċeduri amministrattivi elettroniċi tal-għoti tal-permessi u d-drittijiet ta' passaġġ, u informazzjoni relatata dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli. Meta jiġi stabbilit aktar minn punt uniku tal-informazzjoni wieħed fi Stat Membru, il-punti uniċi tal-informazzjoni kollha jenħtieġ li jkunu aċċessibbli faċilment u bla xkiel, b'mezzi elettroniċi, tramite punt tad-dħul diġitali nazzjonali uniku. Dan il-punt tad-dħul jenħtieġ li jkollu interfaċċa komuni tal-utenti li tiżgura aċċess għall-punti uniċi tal-informazzjoni online. Il-punt tad-dħul diġitali nazzjonali uniku jenħtieġ li jiffaċilita l-interazzjoni bejn ***l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika*** u l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-funzjonijiet tal-punti uniċi tal-informazzjoni. |
| | Or. en |

*Ġustifikazzjoni*

*This Recital is amended to match the proposed amendments in the relevant Articles of the proposal to exclude undertakings only providing associated facilities from the obligations linked to network operators. In order to allow free competition and to incentivise wider investments they should not benefit from special provisions set out in this Regulation for regulated network operators. Excluding undertakings only providing associated facilities from the list of network operators takes account of the disproportionate imbalance between benefits and obligations imposed on these undertakings by this proposal and the fact that these undertakings already have a strong incentive to share infrastructure and provide access to their facilities to as many parties as possible.*

**Emenda 169**
**Johan Nissinen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (58) Biex jevita d-dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, il-korp nazzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jsolvi t-tilwima fil-ħin u, fi kwalunkwe każ, fi żmien ***erba' (4)*** xhur minn meta jirċievi t-talba biex isolvi t-tilwima fil-każ tat-tilwim dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti, u fi żmien xahar wieħed (1) fejn tidħol it-trasparenza dwar l-infrastruttura fiżika, il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili ppjanati u t-trasparenza dwar ix-xogħlijiet ċivili ppjanati. Ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw dewmien fis-soluzzjoni ta' tilwima jistgħu jkunu lil hinn mill-kontroll tal-korpi tas-soluzzjoni tat-tilwim, bħal nuqqas ta' informazzjoni jew dokumentazzjoni biżżejjed li tkun meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni, inkluż il-fehmiet ta' awtoritajiet kompetenti oħra li jeħtieġ jiġu kkonsultati jew il-kumplessità qawwija tal-fajl. | (58) Biex jevita d-dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, il-korp nazzjonali tas-soluzzjoni tat-tilwim jenħtieġ li jsolvi t-tilwima fil-ħin u, fi kwalunkwe każ, fi żmien ***tliet (3)*** xhur minn meta jirċievi t-talba biex isolvi t-tilwima fil-każ tat-tilwim dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti, u fi żmien xahar wieħed (1) fejn tidħol it-trasparenza dwar l-infrastruttura fiżika, il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili ppjanati u t-trasparenza dwar ix-xogħlijiet ċivili ppjanati. Ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw dewmien fis-soluzzjoni ta' tilwima jistgħu jkunu lil hinn mill-kontroll tal-korpi tas-soluzzjoni tat-tilwim, bħal nuqqas ta' informazzjoni jew dokumentazzjoni biżżejjed li tkun meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni, inkluż il-fehmiet ta' awtoritajiet kompetenti oħra li jeħtieġ jiġu kkonsultati jew il-kumplessità qawwija tal-fajl. |

Or. en

**Emenda 170**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita u jistimula l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna billi jippromwovi l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti u billi jippermetti introduzzjoni aktar effiċjenti | 1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita u jistimula l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna billi jippromwovi l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti u billi jippermetti introduzzjoni aktar effiċjenti |

| | |
|---|---|
| tal-infrastruttura fiżika ġdida biex dawn in-networks ikunu jistgħu jiġu introdotti aktar malajr u b'inqas kostijiet. | tal-infrastruttura fiżika ġdida biex dawn in-networks ikunu jistgħu jiġu introdotti aktar malajr u b'inqas kostijiet. ***Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament ma għandux ikun limitat għal networks ta' kapaċità għolja ħafna.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiffaċilita u jistimula l-introduzzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna, pereżempju t-teknoloġija 5G fin-networks mobbli. Madankollu, pereżempju l-infrastruttura mobbli, bħas-siti ta' arbli jew ta' antenni, isservi teknoloġiji differenti. Għalhekk, ma huwiex xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi limitat biex ikopri biss l-użu għall-ħtiġijiet tal-5G, jiġifieri networks ta' kapaċità għolja.*

**Emenda 171**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita u jistimula l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna billi jippromwovi l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti u billi jippermetti introduzzjoni aktar effiċjenti tal-infrastruttura fiżika ġdida biex dawn in-networks ikunu jistgħu jiġu introdotti aktar malajr u b'inqas kostijiet. | 1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita u jistimula l-introduzzjoni tan-networks b'kapaċità għolja ħafna***, inklużi networks mobbli,*** billi jippromwovi l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti u billi jippermetti introduzzjoni aktar effiċjenti tal-infrastruttura fiżika ġdida biex dawn in-networks ikunu jistgħu jiġu introdotti aktar malajr u b'inqas kostijiet. |

Or. en

**Emenda 172**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Adam Jarubas, Seán Kelly, Henna Virkkunen, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jekk xi dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament tkun kunfliġġenti għal xi dispożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 ***jew tad-Direttiva*** 2002/77/KE, għandha tipprevali d-dispożizzjoni rilevanti ta' dawk ***id-Direttivi***. | 2. Jekk xi dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament tkun kunfliġġenti għal xi dispożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972***, id-Direttiva*** 2002/77/KE, ***id-Direttiva (UE) 2022/2555 jew ir-Regolament (UE) XXXX/XXXX [l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika]***, għandha tipprevali d-dispożizzjoni rilevanti ta' dawk ***il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni***. |

Or. en

**Emenda 173**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jekk xi dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament tkun*** kunfliġġenti għal xi dispożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 jew tad-Direttiva 2002/77/KE, għandha tipprevali d-dispożizzjoni rilevanti ta' dawk id-Direttivi. | 2. ***2. Jekk fl-implimentazzjoni tar-Regolament isseħħ interpretazzjoni kunfliġġenti*** għal xi dispożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 jew tad-Direttiva 2002/77/KE, għandha tipprevali d-dispożizzjoni rilevanti ta' dawk id-Direttivi. |

Or. en

**Emenda 174**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jekk xi dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament tkun kunfliġġenti għal xi dispożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1972 | 2. Jekk xi dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament tkun kunfliġġenti għal xi dispożizzjoni ***rilevanti aktar dettaljata jew*** |

jew tad-Direttiva 2002/77/KE, għandha tipprevali ***d-dispożizzjoni rilevanti ta' dawk id-Direttivi***.

***stretta*** tad-Direttiva (UE) 2018/1972 jew tad-Direttiva 2002/77/KE, ***din tal-aħħar*** għandha tipprevali.

Or. en

**Emenda 175**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni li jinkludu dispożizzjonijiet aktar dettaljati minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament meta dawn isiru bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida. | 3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni li jinkludu dispożizzjonijiet aktar dettaljati ***u/jew stretti*** minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament***, bħal prezzijiet orjentati lejn il-kostijiet, eżenzjonijiet mill-permessi jew miżuri legali oħra li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali,*** meta dawn isiru bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida. |

Or. en

**Emenda 176**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni li ***jinkludu dispożizzjonijiet aktar dettaljati minn dawk*** stabbiliti f'dan ir-Regolament ***meta dawn isiru bil-ħsieb li jippromwovu*** l-użu konġunt tal- | 3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni***,*** li ***jipprovdu soluzzjonijiet li jippermettu li jintlaħqu aħjar l-objettivi*** stabbiliti f'dan ir-Regolament***, bi prijorità mogħtija lid-dispożizzjonijiet rilevanti li*** |

| | |
|---|---|
| infrastruttura fiżika eżistenti jew ***jippermettu*** introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida. | ***jippermettu l-ilħuq aħjar tal-objettivi tar-regolament, b'mod partikolari*** l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida. |

Or. en

**Emenda 177**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni li ***jinkludu dispożizzjonijiet aktar dettaljati minn dawk*** stabbiliti f'dan ir-Regolament meta dawn isiru bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida. | 3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni li ***jikkomplementaw jew imorru lil hinn mid-drittijiet u l-obbligi*** stabbiliti f'dan ir-Regolament meta dawn isiru bil-ħsieb li jippromwovu l-użu konġunt tal-infrastruttura fiżika eżistenti jew jippermettu introduzzjoni aktar effiċjenti ta' infrastruttura fiżika ġdida. |

Or. en

**Emenda 178**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'eċċezzjoni għall-paragrafu 3, l-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet diverġenti fil-liġi nazzjonali tagħhom minn dawk stipulati fl-Artikolu 3(3) u (6), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(2) u (4), fl-Artikolu 6(2) u fl-Artikolu 8(7) u (8). | 4. B'eċċezzjoni għall-paragrafu 3, l-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet diverġenti fil-liġi nazzjonali tagħhom minn dawk stipulati fl-Artikolu 3(3) u (6), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(2) u (4), fl-Artikolu 6(2) u fl-Artikolu 8(7) u (8). ***L-*** |

***esklużjoni tal-Artikolu 5(2) ma għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jestendu d-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili anke għal xogħlijiet ċivili ffinanzjati privatament.***

Or. en

**Emenda 179**
**Johan Nissinen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Id-drittijiet sovrani tal-Istati Membri fir-rigward tas-sigurtà nazzjonali huma rrispettati b'mod espliċitu u sħiħ minn dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/1972**.** | Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/1972***, b'mod partikolari:*** |
| | ***(1)bis "Network ta' kapaċità għolja ħafna" tfisser network fiss jew mingħajr fili kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali, ir-Regolament għandu jispeċifika li kemm il-VHCNs*

*fissi kif ukoll dawk mingħajr fili huma fil-kamp ta' applikazzjoni, b'rabta mad-definizzjoni tal-VHCN.*

**Emenda 181**
**Markus Pieper**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***operatur kif definit fl-Artikolu 2(29) tad-Direttiva (UE) 2018/1972***; | (a) ***impriża li hija awtorizzata li tipprovdi jew effettivament tipprovdi network pubbliku ta' komunikazzjoni elettronika;*** ; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-definizzjoni għandha tapplika fit-test kollu.*

**Emenda 182**
**Franc Bogovič**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***operatur kif definit fl-Artikolu 2(29) tad-Direttiva (UE) 2018/1972***; | (a) ***impriża li tipprovdi jew li hija awtorizzata li tipprovdi network pubbliku ta' komunikazzjoni elettronika***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Operators merely providing associated facilities should be excluded from the obligations linked to network operators. In order to allow free competition and to incentivise wider investments they should not benefit from special provisions set out in this Regulation for regulated network operators. Excluding undertakings only providing associated facilities from the list of network operators takes account of the fact that these undertakings already have a strong incentive to share infrastructure and provide access to their facilities to as many parties as possible. Fostering competition is one of the main characteristics of this neutral host model and negative effects on network deployment and competition on*

*downstream markets do not exist. As it is, the proposal creates a disproportionate imbalance between benefits and obligations for undertakings only providing associated facilities. Including them as network operator would risk a distortion of investment incentives and a slower roll-out of electronic communications networks in Europe, especially 5G.*

**Emenda 183**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Adam Jarubas, Tomas Tobé, Seán Kelly, Markus Pieper, Pilar del Castillo Vera, Othmar Karas, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) servizzi tat-trasport, inkluż linji ferrovjarji, toroq, portijiet u ajruporti; | (ii) servizzi tat-trasport, inkluż linji ferrovjarji, toroq, ***mini,*** portijiet u ajruporti; |

Or. en

**Emenda 184**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – punt b – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) servizzi oħra ta' infrastruttura fiżika relatati man-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-premessa 15 tiddikjara li minħabba l-"kumpaniji tat-torrijiet", u r-rwol dejjem aktar sinifikanti tagħhom bħala fornituri ta' aċċess għal infrastruttura fiżika, id-definizzjoni ta' "operatur tan-network" għandha tiġi estiża lil hinn mill-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u operaturi ta' tipi oħra ta' networks. Ħafna kumpaniji tat-telekomunikazzjoni ċedew ċerta infrastruttura mobbli fiżika lil tali "kumpaniji tat-torrijiet". Dawn il-kumpaniji għandhom ikunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament sabiex jiġu evitati l-problemi ffaċċjati pereżempju fis-swieq tal-elettriku, bħall-ipprezzar eċċessiv.*

**Emenda 185**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1 – punt b – punt iia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) (iii) servizzi oħra ta' infrastruttura fiżika relatati man-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dwar id-definizzjoni ta' "operatur tan-network": ħafna kumpaniji tat-telekomunikazzjoni ċedew ċerta infrastruttura mobbli fiżika lill-ħekk imsejħa "kumpaniji tat-torrijiet". Dawn il-kumpaniji għandhom jiġu inklużi f'dan ir-regolament sabiex jiġu evitati problemi fis-swieq tal-elettriku, bħall-ipprezzar eċċessiv.*

**Emenda 186**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "Network ta' kapaċità għolja ħafna" tfisser network fiss jew mingħajr fili kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972;*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Ivars Ijabs**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kwalunkwe element tan-network li | (a) kwalunkwe element tan-network li |

| | |
|---|---|
| hu maħsub biex jilqa' elementi oħra tan-network bla ma jsir element attiv tan-network innifsu, bħal pajpijiet, arbli, toqob u kaxxetti tal-ispezzjoni, kaxxi, installazzjonijiet tal-antenni u torrijiet, kif ukoll il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kull assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u l-istazzjonijiet tal-metrò; | hu maħsub biex jilqa' elementi oħra tan-network bla ma jsir element attiv tan-network innifsu, bħal pajpijiet, arbli, toqob u kaxxetti tal-ispezzjoni, kaxxi, installazzjonijiet tal-antenni u torrijiet, kif ukoll il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kull assi ieħor, inkluż ***il-bejt jew parti minn faċċata,*** l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u l-istazzjonijiet tal-metrò; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bjut u l-faċċati huma l-elementi tal-bini li jintużaw l-aktar biex jiġu installati stazzjonijiet bażi mobbli għall-5G f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni. Mingħajr rekwiżit bħal dan, mhux se jkun possibbli li jiġi pprovdut broadband mobbli tal-funzjonalità u l-kwalità meħtieġa għall-futur f'ambjenti urbani.*

**Emenda 188**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kwalunkwe element tan-network li hu maħsub biex jilqa' elementi oħra tan-network bla ma jsir element attiv tan-network innifsu, bħal pajpijiet, arbli, toqob u kaxxetti tal-ispezzjoni, kaxxi, installazzjonijiet tal-antenni u torrijiet, kif ukoll il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kull assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u l-istazzjonijiet tal-metrò; | (a) kwalunkwe element tan-network li hu maħsub biex jilqa' elementi oħra tan-network bla ma jsir element attiv tan-network innifsu, bħal pajpijiet, arbli, toqob u kaxxetti tal-ispezzjoni, kaxxi, installazzjonijiet tal-antenni u torrijiet, kif ukoll il-bini jew id-daħliet għall-bini, ***il-bjut*** u kull assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u l-istazzjonijiet tal-metrò; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal infrastrutturi fiżiċi li ma humiex parti min-network u li huma proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom, għandhom jiġu inklużi l-bjut. Il-5G se jirrikjedi aktar densifikazzjoni tan-networks mobbli u għalhekk l-aċċess għall-bjut huwa kruċjali għall-installazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa għall-konnettività bla fili tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.*

**Emenda 189**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kwalunkwe element tan-network li hu maħsub biex jilqa' elementi oħra tan-network bla ma jsir element attiv tan-network innifsu, bħal pajpijiet, arbli, toqob u kaxxetti tal-ispezzjoni, kaxxi, installazzjonijiet tal-antenni u torrijiet, kif ukoll il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kull assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u l-istazzjonijiet tal-metrò; | (a) kwalunkwe element tan-network li hu maħsub biex jilqa' elementi oħra tan-network bla ma jsir element attiv tan-network innifsu, bħal pajpijiet, arbli, toqob u kaxxetti tal-ispezzjoni, kaxxi, installazzjonijiet tal-antenni u torrijiet, kif ukoll il-bini jew id-daħliet għall-bini, ***il-bjut*** u kull assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm u l-istazzjonijiet tal-metrò; |

Or. en

**Emenda 190**
**en Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id- | (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini***, inkluż il-bjut u l-ħitan,*** jew id-daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, |

| | |
|---|---|
| dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò. | is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-espansjoni tan-networks mobbli fil-bliet tiddependi ħafna mill-użu tal-bjut u tal-ħitan tal-bini.*

**Emenda 191**
**Andris Ameriks**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò. | (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini jew id-daħliet għall-bini, ***inkluż il-bjut, partijiet tal-faċċata*** u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò. |

Or. en

**Emenda 192**
**Ivars Ijabs**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, | (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini jew id-daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż ***il-bjut jew partijiet tal-*** |

bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò.

***faċċata,*** l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bjut u l-faċċati huma l-elementi tal-bini li jintużaw l-aktar biex jiġu installati stazzjonijiet bażi mobbli għall-5G f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni. Mingħajr rekwiżit bħal dan, mhux se jkun possibbli li jiġi pprovdut broadband mobbli tal-funzjonalità u l-kwalità meħtieġa għall-futur f'ambjenti urbani.*

**Emenda 193**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Matthias Ecke, Josianne Cutajar, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini ***jew*** id-daħliet għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò. | (b) meta ma jkunux parti minn network u jkunu proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnhom: il-bini***, inkluż il-bjut, u d-daħliet*** għall-bini, u kwalunkwe assi ieħor, inkluż l-għamara tat-toroq, bħall-arbli tad-dawl, is-sinjali tat-triq, id-dwal tat-traffiku, il-billboards, il-waqfiet tal-karozzi tal-linja u tat-tramm, u l-istazzjonijiet tal-metrò. |

Or. en

**Emenda 194**
**Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. "Alternattiva vijabbli" tfisser*** |

| | |
|---|---|
| | ***kwalunkwe infrastruttura, disponibbli immedjatament jew fi żmien raġonevoli, xierqa għall-forniment ta' networks b'kapaċità għolja ħafna għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u li għaliha operatur tan-network joffri aċċess b'termini ġusti u raġonevoli; filwaqt li jitqies l-iskop għall-użu, l-alternattivi vijabbli jistgħu jkunu b'mod partikolari: a) infrastrutturi fiżiċi, b) fibrottika skura u c) aċċess bitstream;*** |

Or. de

**Emenda 195**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Jerzy Buzek**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "xogħlijiet ċivili" tfisser l-eżiti ta' xogħlijiet tal-bini jew tal-inġinerija ċivili meħuda kollha flimkien ***li minnhom infushom ikunu biżżejjed biex titwettaq funzjoni ekonomika jew teknika u li jinvolvu element wieħed jew aktar ta' infrastruttura fiżika***; | (3) "xogħlijiet ċivili" tfisser l-eżiti ta' xogħlijiet tal-bini jew tal-inġinerija ċivili meħuda kollha flimkien ***inkluża l-kostruzzjoni, kif ukoll xogħlijiet li jikkonsistu f'rikostruzzjoni, installazzjoni, rinnovazzjoni, jew twaqqigħ ta' struttura ta' bini***; |

Or. en

**Emenda 196**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "korp tas-settur pubbliku" tfisser awtorità tal-Istat, reġjonali jew lokali, korp regolat mil-liġi pubblika jew assoċjazzjoni maħluqa minn awtorità waħda jew bosta awtoritajiet bħal dawn, jew minn korp | (4) "korp tas-settur pubbliku" tfisser awtorità tal-Istat, reġjonali jew lokali, korp regolat mil-liġi pubblika jew assoċjazzjoni maħluqa minn awtorità waħda jew bosta awtoritajiet bħal dawn, jew minn korp |

| | |
|---|---|
| wieħed jew bosta korpi bħal dawn regolati mil-liġi pubblika; | wieħed jew bosta korpi bħal dawn regolati mil-liġi pubblika ***jew kwalunkwe entità fdata esklużivament bit-twettiq ta' kompiti f'isimhom li tinvolvi kontroll dirett jew permezz ta' delega tal-infrastruttura fiżika***; |

Or. en

**Emenda 197**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Jerzy Buzek**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 5 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ikollhom personalità ġuridika; | (b) ikollhom personalità ġuridika ***jew ikunu intitolati għal kapaċità ġuridika skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi***; |

Or. en

**Emenda 198**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Jerzy Buzek**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) "infrastruttura fiżika ġol-bini" tfisser infrastruttura fiżika jew installazzjonijiet fiżiċi fil-post tal-utent finali, inkluż elementi bi sjieda konġunta, maħsuba biex jilqgħu networks tal-aċċess bil-fili u/jew bla fili, meta dawk in-networks tal-aċċess ikunu kapaċi jwasslu servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u jgħaqqdu l-punt tal-aċċess tal-bini mal-punt tat-terminazzjoni tan-network; | (6) "infrastruttura fiżika ġol-bini" tfisser infrastruttura fiżika jew installazzjonijiet fiżiċi fil-post tal-utent finali, inkluż elementi bi sjieda konġunta, ***eż. sjieda konġunta tal-kerrejja,*** maħsuba biex jilqgħu networks tal-aċċess bil-fili u/jew bla fili, meta dawk in-networks tal-aċċess ikunu kapaċi jwasslu servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u jgħaqqdu l-punt tal-aċċess tal-bini mal-punt tat-terminazzjoni tan-network; |

Or. en

**Emenda 199**
**Dace Melbārde**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tal-fibra ottika; | (8) "infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tal-fibra ottika***, mingħajr fili jew elementi oħra***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Newtralità Teknoloġika.*

**Emenda 200**
**Andris Ameriks**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tal-fibra ottika; | (8) "infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tal-fibra ottika ***jew mingħajr fili***; |

Or. en

**Emenda 201**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (8) "infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-fibra***" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tal-fibra ottika; | (8) "infrastruttura fiżika ġol-bini lesta ***għall-gigabits***" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tal-fibra ottika ***jew mingħajr fili***; |

Or. en

**Emenda 202**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Jerzy Buzek**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) "xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni" tfisser xogħlijiet ta' bini jew ta' inġinerija ċivili fil-post tal-utent finali li jinkludu modifiki strutturali tal-infrastruttura fiżika ġol-bini kollha jew ta' parti sinifikanti minnha ***u li jeħtieġu permess tal-bini***; | (9) "xogħlijiet kbar ta' rinnovazzjoni ***u rikostruzzjoni***" tfisser xogħlijiet ta' bini jew ta' inġinerija ċivili fil-post tal-utent finali li jinkludu modifiki strutturali tal-infrastruttura fiżika ġol-bini kollha jew ta' parti sinifikanti minnha; |

Or. en

**Emenda 203**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "permess" tfisser deċiżjoni espliċita jew impliċita jew sett ta' deċiżjonijiet meħuda simultanjament jew suċċessivament minn awtorità kompetenti waħda jew aktar li huma meħtieġa biex ***impriża twettaq*** xogħlijiet tal-kostruzzjoni jew tal-inġinerija ċivili meħtieġa għall-introduzzjoni tal-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna; | (10) "permess" tfisser deċiżjoni espliċita jew impliċita jew sett ta' deċiżjonijiet meħuda simultanjament jew suċċessivament minn awtorità kompetenti waħda jew aktar li huma meħtieġa biex ***operatur iwettaq*** xogħlijiet tal-kostruzzjoni jew tal-inġinerija ċivili ***u, wara t-tlestija f'xi każijiet, l-użu tagħhom għall-iskop maħsub,*** meħtieġa għall-introduzzjoni tal-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna; |

Or. en

**Emenda 204**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) "punt tal-aċċess" tfisser punt fiżiku, li jkun jinsab ġol-bini jew barra l-bini, aċċessibbli għal impriża waħda jew aktar li jipprovdu jew li huma awtorizzati biex jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn issir disponibbli konnessjoni mal-infrastruttura fiżika ġol-bini lesta għall-fibra. | (11) "punt tal-aċċess ***għall-bini***" tfisser punt fiżiku, li jkun jinsab ġol-bini jew barra l-bini, ***faċilment*** aċċessibbli għal impriża waħda jew aktar li jipprovdu jew li huma awtorizzati biex jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, fejn issir disponibbli konnessjoni mal-infrastruttura fiżika ġol-bini lesta għall-fibra. |

Or. en

**Emenda 205**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Adam Jarubas, Seán Kelly, Markus Pieper, Henna Virkkunen, Othmar Karas, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) "drittijiet ta' aċċess" tfisser drittijiet mogħtija f'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva (UE) 2018/1972;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-GIA kif ukoll il-KEKE ma jiddefinixxux it-terminu "drittijiet ta' aċċess" fl-artikoli rispettivi tagħhom għad-definizzjonijiet. Jeħtieġ li jiġi ċċarat x'inhu mifhum b'dak it-terminu. Fl-Artikolu 43 tal-KEKE, il-każijiet fejn jingħataw dawk id-drittijiet huma spjegati.*

**Emenda 206**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. ***L-operaturi għandhom jiddikjaraw il-komponenti tal-infrastruttura fiżika li għalihom jirrikjedu aċċess f'tali talbiet bil-miktub, flimkien ma' skadenza. Meta prezz ġust u raġonevoli jkun diġà ġie nnegozjat, miftiehem f'kuntratt jew miftiehem bħala parti minn tiġdid awtomatiku ta' kuntratti, l-organizzazzjonijiet li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu aċċess għal faċilitajiet assoċjati, li jistgħu juru li għandhom kuntratt ma' operatur li jipprovdi jew li huwa awtorizzat li jipprovdi network pubbliku ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ma humiex meħtieġa joffru aċċess b'dak il-prezz.*** Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

**Emenda 207**

**Pilar del Castillo Vera**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. ***Sabiex jiġi żgurat li l-fornitur tal-aċċess ikollu redditu ġust fuq l-investiment, li jirrifletti l-kundizzjonijiet rilevanti tas-suq u l-mudelli tan-negozju differenti tiegħu, l-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu aċċess għal faċilitajiet assoċjati lil aktar minn operatur ospitat wieħed li jipprovdi jew li huwa awtorizzat li jipprovdi network pubbliku tal-komunikazzjoni elettronika ma għandhomx ikunu soġġetti għal obbligi ġusti u raġonevoli tal-prezzijiet.*** Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji ***u bi prezzijiet li ma jaqbżux il-kostijiet amministrattivi***. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

**Emenda 208**
**Matthias Ecke**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom ukoll jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess b'termini ġusti u non-diskriminatorji. ***Dawn it-talbiet*** bil-miktub ***għandhom jispeċifikaw*** l-elementi ***tal-infrastruttura fiżika li għaliha*** jintalab l-aċċess, ***u jkunu jinkludu t-tul*** tal-perjodu ***speċifiku***. | (1) B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom ukoll jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess b'termini ġusti u non-diskriminatorji. ***Prerekwiżit għad-dritt tal-aċċess huwa li ma tiġi offruta l-ebda alternattiva vijabbli. Din it-talba*** bil-miktub ***trid tidentifika*** l-elementi ***tal-proġett li għalihom qed*** jintalab l-aċċess, ***inkluż it-tul*** tal-perjodu ***preċiż, u tkun akkumpanjata minn estratt reċenti mill-punt uniku tal-informazzjoni li juri kwalunkwe disponibbiltà ta' infrastrutturi fiżiċi oħra. Jekk disponibbli, l-applikazzjoni trid tispjega għaliex dawn l-infrastrutturi fiżiċi l-oħra ma humiex alternattiva vijabbli.*** |

Or. de

**Emenda 209**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom |

| | |
|---|---|
| jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku***, flimkien ma' ġustifikazzjoni li turi għaliex il-post magħżul intgħażel għad-detriment ta' ieħor jew għall-użu ta' ftehim kummerċjali li jagħti aċċess għal post jew kondiviżjoni tal-infrastruttura simili***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex nivvalutaw l-element ta' "raġonevoli" jeħtieġ li fil-leġiżlazzjoni nipprovdu aktar dettalji dwar l-elementi li jridu jiġu pprovduti fit-talbiet.*

**Emenda 210**
**Ivars Ijabs**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal- | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati***, inklużi antenni, stazzjonijiet bażi mobbli u*** |

| | |
|---|---|
| infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | ***elementi tan-network ta' trażmissjoni***. . Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku ***u parametri tal-konnessjoni tal-elettriku***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-infrastruttura meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-VHCN għandha tinkludi l-faċilitajiet meħtieġa għall-5G. Id-disponibbiltà ta' konnessjoni tal-elettriku fis-sit tan-network ta' komunikazzjoni hija essenzjali għat-tħaddim tan-networks ta' komunikazzjoni.*

**Emenda 211**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji ***u bi prezzijiet li ma jaqbżux il-kostijiet li jġarrbu bħala riżultat tal-għoti tal-aċċess***. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura |

fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi appoġġata l-introduzzjoni tal-VHCN filwaqt li fl-istess ħin it-tariffi ma jkunux għoljin wisq għall-korpi tas-settur pubbliku, l-aċċess għall-infrastruttura tal-korpi tas-settur pubbliku, kif ukoll l-aċċess għall-infrastruttura ta' "operaturi tan-network" għajr "operaturi" (jiġifieri, minbarra t-telekomunikazzjoni) it-tnejn għandhom ikunu b'kostijiet ikkawżati mill-għoti tal-aċċess (minflok il-kostijiet amministrattivi biss).*

**Emenda 212**
**Franc Bogovič**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' ***operatur***, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. B'talba bil-miktub ta' ***impriża li tipprovdi jew li hija awtorizzata li tipprovdi network pubbliku tal-komunikazzjoni elettronika***, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*This amendment is aimed at reflecting the exclusion of undertakings only providing associated facilities from the obligations linked to network operators and the corresponding amendment to the Article 2 on Definitions. In order to allow free competition and to incentivise wider investments they should not benefit from special provisions set out in this Regulation for regulated network operators. Excluding undertakings only providing associated facilities from the list of network operators takes account of the disproportionate imbalance between benefits and obligations imposed on these undertakings by this proposal and the fact that these undertakings already have a strong incentive to share infrastructure and provide access to their facilities to as many parties as possible.*

**Emenda 213**
**Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji ***u bi prezzijiet li ma jaqbżux il-kostijiet amministrattivi***. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

**Emenda 214**

**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw ***l-intenzjoni li jiġi varat network ta' kapaċità għolja ħafna,*** l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

**Emenda 215**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u | 1. B'talba bil-miktub ta' operatur ***jew operatur tan-network debitament awtorizzat minn operatur***, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal- |

raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku.

aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku.

Or. en

**Emenda 216**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Jerzy Buzek**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. ***Soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu,*** b'talba bil-miktub ta' operatur, il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew l-operaturi tan-networks għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ukoll b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

**Emenda 217**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***B'talba bil-miktub ta' operatur,*** il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew ***l-operaturi tan-networks*** għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha ***tal-aċċess*** għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess ***ukoll*** b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. | 1. ***L-operaturi tan-network jew*** il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha jew għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha ***bil-miktub tal-operaturi għall-aċċess*** għal dik l-infrastruttura fiżika b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, biex jiġu introdotti elementi ta' networks b'kapaċità għolja ħafna jew faċilitajiet assoċjati. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-aċċess b'termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji. Dawn it-talbiet bil-miktub għandhom jispeċifikaw l-elementi tal-infrastruttura fiżika li għaliha jintalab l-aċċess, u jkunu jinkludu t-tul tal-perjodu speċifiku. |

Or. en

**Emenda 218**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-forniturituri tal-infrastruttura fiżika bla fili bħal "kumpaniji tat-torrijiet", li joperaw fuq mudell bl-ingrossa biss u joffru biss aċċess passiv lil aktar minn operatur tal-komunikazzjoni elettronika*** |

***pubbliku ospitanti wieħed, għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-mudelli tal-ipprezzar tagħhom abbażi tal-paragrafu 1.***

***Sa [DATA TA' DĦUL FIS-SEĦĦ + SENTEJN], il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultat tal-analiżi tas-suq f'konformità mal-Artikolu 15.***

***Jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li seħħ falliment tas-suq fir-rigward tal-forniturи ta' infrastruttura fiżika bla fili bħal "kumpaniji tat-torrijiet", il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 15a biex temenda din id-Direttiva billi tirtira l-eżenzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-każ kummerċjali tal-kumpaniji tat-torrijiet għadu ma ġiex irregolat, peress li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li s-suq kien qed ifalli f'dan ir-rigward. F'termini ta' leġiżlazzjoni bbażata fuq il-fatti, għandu jiġi eżaminat jekk hemmx falliment tas-suq qabel ma l-mudell tan-negozju u tal-ipprezzar tagħhom ikun soġġett għar-regolamentazzjoni.*

**Emenda 219**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Is-sidien tal-art li fuqha ġew installati jew se jiġu installati faċilitajiet assoċjati għall-iżvilupp ta' elementi tan-network b'kapaċità għolja ħafna huma obbligati jinnegozjaw l-aċċess għall-art, b'termini ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz u f'konformità mal-liġi kuntrattwali nazzjonali, ma' impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu tali faċilitajiet assoċjati.*** |

Or. en

**Emenda 220**
**Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-fornituri tal-infrastruttura fiżika bla fili bħal "kumpaniji tat-torrijiet", li joffru biss aċċess passiv lil aktar minn operatur tal-komunikazzjoni elettronika pubbliku ospitanti wieħed, għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-mudelli tal-ipprezzar tagħhom abbażi tal-paragrafu 1.*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu dawn li ġejjin: | 2. ***L-esklużjoni tal-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu aċċess għal faċilitajiet assoċjati lil aktar minn operatur ospitat wieħed li jipprovdi jew li huma awtorizzati li jipprovdu network pubbliku tal-komunikazzjoni elettronika, li se jopera fuq bażijiet regolari tas-suq biex jippermetti redditu ġust fuq l-investiment,*** meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, ***u biex jiġu evitati prezzijiet eċċessivi,*** l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom |

iqisu dawn li ġejjin:

Or. en

**Emenda 222**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu dawn li ġejjin: | 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, ***u biex jiġu evitati prezzijiet eċċessivi,*** l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu dawn li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm regoli dwar l-ipprezzar tal-infrastruttura fiżika, peress li l-konnessjonijiet b'veloċità għolja ħafna huma ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha. Normalment il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni jixtru elementi ta' infrastruttura fiżika mingħand xulxin, iżda jekk ikun hemm nuqqas ta' bilanċ fis-setgħa tan-negozjar, hemm ukoll riskju li l-livell tal-prezzijiet jiżdied b'mod sinifikanti.*

**Emenda 223**
**Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien | 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, ***u biex jiġu evitati prezzijiet eċċessivi,*** l-operaturi tan- |

| | |
|---|---|
| tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu dawn li ġejjin: | networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 224**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu dawn li ġejjin: | 2. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-prezzijiet bħala parti minn termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għall-għoti tal-aċċess, l-operaturi tan-networks u l-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollawha għandhom iqisu ***mill-inqas*** dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 225**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ***ikollu opportunità ġusta biex jirkupra*** l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi u kull struttura tariffarja stabbilita ***biex tingħata opportunità ġusta għall-irkupru tal-kostijiet***; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu | (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ***jirkupra*** l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi u kull struttura tariffarja stabbilita; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. |

jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kostijiet imġarrba mill-fornituri tal-aċċess għandhom jitqiesu meta jiġu kkunsidrati t-tariffi.*

**Emenda 226**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Josianne Cutajar, Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ikollu opportunità ġusta biex jirkupra l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi u kull struttura tariffarja stabbilita biex tingħata opportunità ġusta għall-irkupru tal-kostijiet; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. | (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ikollu opportunità ġusta biex jirkupra l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi***, il-mudelli tan-negozju differenti,*** u kull struttura tariffarja stabbilita biex tingħata opportunità ġusta għall-irkupru tal-kostijiet; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 227**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ikollu opportunità ġusta biex jirkupra l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, | (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ikollu opportunità ġusta biex jirkupra l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, |

| | |
|---|---|
| filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi u kull struttura tariffarja stabbilita biex tingħata opportunità ġusta għall-irkupru tal-kostijiet; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. | filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, ***il-mudelli tan-negozju differenti,*** u kull struttura tariffarja stabbilita biex tingħata opportunità ġusta għall-irkupru tal-kostijiet; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 228**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ***ikollu opportunità ġusta biex jirkupra*** l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi u kull struttura tariffarja stabbilita biex tingħata ***opportunità ġusta*** għall-irkupru tal-kostijiet; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. | (a) il-ħtieġa li jkun żgurat li l-fornitur tal-aċċess ***jirkupra*** l-kostijiet li jġarrab biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi u kull struttura tariffarja stabbilita biex tingħata għall-irkupru tal-kostijiet; fil-każ tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jitqies ukoll kull rimedju impost minn awtorità regolatorja nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 229**
**Massimiliano Salini**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, | (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, |

| | |
|---|---|
| inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess; | inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess***, u l-ħtieġa li l-fornitur tal-aċċess jiġi ggarantit redditu ġust fuq l-investiment, li jirrifletti l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq u, b'mod partikolari fil-każ tal-fornituri tal-faċilitajiet assoċjati, il-mudelli tan-negozju differenti tagħhom***; ***il-prezz tal-aċċess offrut mill-fornituri tal-faċilitajiet assoċjati jista' jitqies ġust u raġonevoli kull meta joperaw bħala mudell bl-ingrossa biss li joffri biss aċċess passiv lil aktar minn operatur pubbliku ospitanti tal-komunikazzjoni elettronika wieħed b'termini komparabbli.*** |

Or. en

**Emenda 230**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess; | (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess; ***barra minn hekk, għandu jingħata redditu ġust tal-investiment lill-fornituri tal-aċċess. Tali redditu jenħtieġ li jirrifletti l-kundizzjonijiet rilevanti tas-suq u l-mudelli tan-negozju differenti, bħal dawk tal-fornituri ta' faċilitajiet assoċjati. F'dan il-każ, il-prezz tal-aċċess offrut jista' jitqies ġust u raġonevoli meta l-fornituri joffru biss aċċess passiv lil aktar minn operatur wieħed tal-komunikazzjonijiet elettroniċi b'kundizzjonijiet komparabbli.*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess; | (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess***. L-operaturi tan-network minbarra l-operaturi għandhom, meta jiddeterminaw prezzijiet ġusti u raġonevoli, iqisu l-ispejjeż li jġarrbu bħala riżultat tal-għoti tal-aċċess, sakemm dawn l-ispejjeż ma jkunux diġà koperti b'mod ġust permezz ta' kwalunkwe mod ieħor***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex tiġi appoġġata l-introduzzjoni tal-VHCN filwaqt li fl-istess ħin it-tariffi ma jkunux għoljin wisq għall-korpi tas-settur pubbliku, l-aċċess għall-infrastruttura tal-korpi tas-settur pubbliku, kif ukoll l-aċċess għall-infrastruttura ta' "operaturi tan-network" għajr "operaturi" (jiġifieri, minbarra t-telekomunikazzjoni) it-tnejn għandhom ikunu b'kostijiet ikkawżati mill-għoti tal-aċċess (minflok il-kostijiet amministrattivi biss).*

**Emenda 232**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, ***inkluż l-investimenti fl-infrastruttura*** fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess; | (b) l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, ***sa fejn dan jikkonċerna l-infrastruttura*** fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess***, inklużi l-investimenti f'dik l-infrastruttura fiżika***; |

Or. en

**Emenda 233**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan tan-negozju tal-fornitur tal-aċċess, inkluż l-investimenti fl-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab l-aċċess***; | (b) ***il-ħtiġijiet lokali tal-aċċess u s-servizzi eżistenti, b'kunsiderazzjoni xierqa għat-tħeġġiġ tal-kompetizzjoni u l-kondiviżjoni tal-infrastruttura***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pjanijiet tan-negozju huma bbażati fuq suppożizzjonijiet li jiddependu mill-kundizzjonijiet tas-suq u huma xprunati mill-massimizzazzjoni tal-profitt, għalhekk ma jistgħux ikunu kriterji fid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi. Nipproponu element alternattiv li jimmira lejn għanijiet u ħtiġijiet ta' politika lokali li jistgħu jitkejlu.*

**Emenda 234**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) fil-każ speċifiku tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika tal-operaturi, il-vijabbiltà ekonomika ta' dawk l-investimenti abbażi tal-profil tar-riskju tagħhom, kull skeda taż-żmien għar-redditu fuq l-investiment, kull impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream u allura fuq il-prezzijiet u r-redditu fuq l-investiment, kull deprezzament tal-assi tan-network fil-mument tat-talba tal-aċċess, kull argument għall-vijabbiltà li jsostni l-investiment fil-mument meta jkun sar, b'mod partikolari fl-infrastrutturi fiżiċi użati għall-forniment*** | ***imħassar*** |

***tal-konnettività, u kull possibbiltà offruta qabel lill-persuna li tfittex l-aċċess biex tinvesti b'mod konġunt fl-introduzzjoni tal-infrastruttura fiżika, notevolment skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, jew għal introduzzjoni konġunta magħha.***

Or. en

**Emenda 235**
**Franc Bogovič**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fil-każ speċifiku tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika ***tal-operaturi***, il-vijabbiltà ekonomika ta' dawk l-investimenti abbażi tal-profil tar-riskju tagħhom, kull skeda taż-żmien għar-redditu fuq l-investiment, kull impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream u allura fuq il-prezzijiet u r-redditu fuq l-investiment, kull deprezzament tal-assi tan-network fil-mument tat-talba tal-aċċess, kull argument għall-vijabbiltà li jsostni l-investiment fil-mument meta jkun sar, b'mod partikolari fl-infrastrutturi fiżiċi użati għall-forniment tal-konnettività, u kull possibbiltà offruta qabel lill-persuna li tfittex l-aċċess biex tinvesti b'mod konġunt fl-introduzzjoni tal-infrastruttura fiżika, notevolment skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, jew għal introduzzjoni konġunta magħha. | (c) fil-każ speċifiku tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika ***tal-impriżi li jipprovdu jew li huma awtorizzati li jipprovdu networks pubbliċi tal-komunikazzjoni elettronika***, il-vijabbiltà ekonomika ta' dawk l-investimenti abbażi tal-profil tar-riskju tagħhom, kull skeda taż-żmien għar-redditu fuq l-investiment, kull impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream u allura fuq il-prezzijiet u r-redditu fuq l-investiment, kull deprezzament tal-assi tan-network fil-mument tat-talba tal-aċċess, kull argument għall-vijabbiltà li jsostni l-investiment fil-mument meta jkun sar, b'mod partikolari fl-infrastrutturi fiżiċi użati għall-forniment tal-konnettività, u kull possibbiltà offruta qabel lill-persuna li tfittex l-aċċess biex tinvesti b'mod konġunt fl-introduzzjoni tal-infrastruttura fiżika, notevolment skont l-Artikolu 76 tad-Direttiva (UE) 2018/1972, jew għal introduzzjoni konġunta magħha. |

Or. en

**Emenda 236**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Seán Kelly, Henna Virkkunen, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-kostijiet għall-korp tas-settur pubbliku għall-manutenzjoni tal-infrastruttura, il-kostijiet operattivi addizzjonali bħala riżultat tal-għoti ta' aċċess għall-infrastruttura;*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia, Lina Gálvez Muñoz, Adriana Maldonado López**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) kwalunkwe kost addizzjonali ta' manutenzjoni u adattament li jirriżulta mill-għoti ta' aċċess għall-infrastruttura rilevanti;*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) (d) jekk hemmx nuqqas ta' bilanċ fis-setgħa tan-negozjar;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huma meħtieġa regoli għall-ipprezzar tal-infrastruttura fiżika. Normalment il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni jixtru elementi ta' infrastruttura fiżika mingħand xulxin. Madankollu, jekk ikun hemm nuqqas ta' bilanċ fis-setgħa tan-negozjar, hemm riskju li l-livell tal-prezzijiet jiżdied b'mod sinifikanti. Konnessjonijiet b'veloċità għolja ħafna se jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha. Jekk l-infrastruttura fiżika tkun proprjetà ta' korp pubbliku jew ikkontrollata minnu, it-termini ġusti u raġonevoli jistgħu jiġu evalwati bl-użu ta' kriterji aktar stretti. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk korp pubbliku għandux jagħti aċċess mingħajr ħlas jew ikoprix il-kostijiet amministrattivi.*

**Emenda 239**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(d) jekk hemmx nuqqas ta' bilanċ fis-setgħa tan-negozjar;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Normalment il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni jixtru elementi ta' infrastruttura fiżika mingħand xulxin. Madankollu, jekk ikun hemm nuqqas ta' bilanċ fis-setgħa tan-negozjar, hemm riskju enormi li l-livell tal-prezzijiet jiżdied b'mod sinifikanti.*

**Emenda 240**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) e) jekk l-infrastruttura fiżika hijiex proprjetà ta' korp tas-settur pubbliku jew ikkontrollata minnu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huma meħtieġa regoli għall-ipprezzar tal-infrastruttura fiżika. Normalment il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni jixtru elementi ta' infrastruttura fiżika mingħand xulxin. Madankollu, jekk ikun hemm nuqqas ta' bilanċ fis-setgħa tan-negozjar, hemm riskju li l-livell tal-prezzijiet jiżdied b'mod sinifikanti. Konnessjonijiet b'veloċità għolja ħafna se jkunu ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha. Jekk l-infrastruttura fiżika tkun proprjetà ta' korp pubbliku jew ikkontrollata minnu, it-termini ġusti u raġonevoli jistgħu jiġu evalwati bl-użu ta' kriterji aktar stretti. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk korp pubbliku għandux jagħti aċċess mingħajr ħlas jew ikoprix il-kostijiet amministrattivi.*

**Emenda 241**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) hemm nuqqas ta' adegwatezza teknika tal-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab aċċess biex tilqa' xi wieħed mill-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna msemmija fil-paragrafu 2; | (a) hemm nuqqas ta' adegwatezza teknika tal-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab aċċess biex tilqa' xi wieħed mill-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna msemmija fil-paragrafu ***1***; |

Or. en

**Emenda 242**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) hemm nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju biex jilqa' l-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna jew tal-faċilitajiet assoċjati msemmija fil-paragrafu ***2***, inkluż wara li tkun tqieset il-ħtieġa futura għall-ispazju tal-fornitur tal-aċċess murija b'suffiċjenza; | (b) hemm nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju biex jilqa' l-elementi tan-networks b'kapaċità għolja ħafna jew tal-faċilitajiet assoċjati msemmija fil-paragrafu ***1***, inkluż wara li tkun tqieset il-ħtieġa futura għall-ispazju tal-fornitur tal-aċċess murija b'suffiċjenza; |

Or. en

**Emenda 243**
**Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika; | (c) l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika ***bbażat fuq ix-xjenza***; |

Or. en

**Emenda 244**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika; | (c) l-eżistenza ta' tħassib ***ibbażat fuq ix-xjenza*** dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċaħda ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika ma għandux ikun possibbli mingħajr spjegazzjoni xierqa. Għalhekk, iż-żieda ta' referenza għal tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika stabbiliti sew u bbażati fuq ix-xjenza se tiżgura deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.*

**Emenda 245**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski, Jerzy Buzek**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (c) l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika; | (c) l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika ***bbażat fuq ix-xjenza***; |

Or. en

**Emenda 246**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika; | (c) l-eżistenza ta' tħassib ***ibbażat fuq ix-xjenza*** dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika; |

Or. en

**Emenda 247**
**Johan Nissinen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tħassib għall-integrità u s-sigurtà ta' xi network, b'mod partikolari l-infrastruttura nazzjonali kritika; | (d) tħassib għall-integrità u s-sigurtà ***nazzjonali*** ta' xi network, b'mod partikolari l-infrastruttura nazzjonali kritika; |

Or. en

**Emenda 248**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi vijabbli tal-aċċess fiżiku bl-ingrossa għan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi pprovduti ***mill-istess*** operatur tan-network u adattati għall-forniment tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, diment li dan l-aċċess jiġi offrut b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli. | (f) id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi vijabbli tal-aċċess fiżiku bl-ingrossa għan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi pprovduti ***minn*** operatur tan-network u adattati għall-forniment tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, diment li dan l-aċċess jiġi offrut b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk teżisti alternattiva kummerċjali, din għandha tintuża minflok networks duplikati. Dan se jiżgura effiċjenza ambjentali u użu aħjar tar-riżorsi.*

**Emenda 249**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi vijabbli tal-aċċess ***fiżiku*** bl-ingrossa għan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi pprovduti mill-istess operatur tan-network u adattati għall-forniment tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, diment li dan l-aċċess jiġi offrut b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli. | (f) id-disponibbiltà ta' mezzi alternattivi vijabbli tal-aċċess bl-ingrossa għan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi pprovduti mill-istess operatur tan-network u adattati għall-forniment tan-networks b'kapaċità għolja ħafna, diment li dan l-aċċess jiġi offrut b'termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It is possible to do "wholesale physical access" with Software Defined Access Networks (SDAN), which enables the partition of network resources into wholesale slices. Access seekers can become full virtual network operators (VNOs), and physical resources are abstracted and delivered as a service to access seekers. Also, some wholesale only providers have based their business case around providing virtual access products. For these providers an obligation to provide dark fibre or fibre unbundling would have a negative impact on their*

*incentives to invest. Therefore, a more general term like 'wholesale access' should be used instead of 'wholesale physical access'.*

**Emenda 250**
**Angelika Winzig, Sara Skyttedal, Tomas Tobé, Seán Kelly, Henna Virkkunen, Angelika Niebler**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) intalbet id-disponibbiltà ta' aċċess miftuħ u nondiskriminatorju għan-networks tal-komunikazzjoni elettronika tal-operaturi bl-ingrossa biss li huma proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku adatti għall-forniment ta' networks b'kapaċità għolja ħafna li jkopru ż-żona tal-aċċess għall-infrastruttura, jew ikkontrollati minnhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba n-nuqqas ta' interess tal-forniturі stabbiliti tal-ECN biex jinvestu fit-tnedija tal-VHCNs f'xi żoni rurali, il-muniċipalitajiet bdew inizjattivi fil-livell lokali u reġjonali biex isibu lill-kumpaniji tagħhom stess biex jużaw il-VHCNs huma stess. Huma ħadu r-riskju ekonomiku huma stess, meta ħadd ma għamel hekk, biex jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'konnessjonijiet veloċi tal-internet. Duplikazzjoni ineffiċjenti tal-infrastruttura tagħhom ma għandhiex tiġi inċentivata, iżda evitata.*

**Emenda 251**
**Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-għoti tal-aċċess jiġi rifjutat, l-operatur tan-network jew il-korp tas-settur pubbliku li jkun sid tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollaha għandu jibgħat lill-persuna li tfittex l-aċċess, bil-miktub, ir- | Meta l-għoti tal-aċċess jiġi rifjutat, l-operatur tan-network jew il-korp tas-settur pubbliku li jkun sid tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollaha għandu jibgħat lill-persuna li tfittex l-aċċess, bil-miktub, ir- |

raġunijiet speċifiċi u dettaljati għal dak ir-rifjut fi żmien ***xahar wieħed (1)*** mid-data tal-wasla tat-talba sħiħa tal-aċċess.

raġunijiet speċifiċi u dettaljati ***li għandhom ikunu oġġettivi u, meta rilevanti, ibbażati xjentifikament,*** għal dak ir-rifjut fi żmien ***15-il jum*** mid-data tal-wasla tat-talba sħiħa tal-aċċess.

Or. en

**Emenda 252**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-għoti tal-aċċess jiġi rifjutat, l-operatur tan-network jew il-korp tas-settur pubbliku li jkun sid tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollaha għandu jibgħat lill-persuna li tfittex l-aċċess, bil-miktub, ir-raġunijiet speċifiċi u dettaljati għal dak ir-rifjut fi żmien ***xahar wieħed (1)*** mid-data tal-wasla tat-talba sħiħa tal-aċċess. | Meta l-għoti tal-aċċess jiġi rifjutat, l-operatur tan-network jew il-korp tas-settur pubbliku li jkun sid tal-infrastruttura fiżika jew li jikkontrollaha għandu jibgħat lill-persuna li tfittex l-aċċess, bil-miktub, ir-raġunijiet speċifiċi u dettaljati għal dak ir-rifjut fi żmien ***15-il jum*** mid-data tal-wasla tat-talba sħiħa tal-aċċess. |

Or. en

**Emenda 253**
**Beatrice Covassi, Carlos Zorrinho, Patrizia Toia**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu korp biex jikkoordina t-talbiet tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika li tkun il-proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollata minnhom, jipprovdu pariri legali u tekniċi permezz tan-negozjar ta' termini u kundizzjonijiet tal-aċċess, u jiffaċilitaw l-għoti tal-informazzjoni tramite punt uniku tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10. | 4. ***Meta l-korpi tas-settur pubbliku li jippossjedu jew jikkontrollaw infrastruttura fiżika ma jkollhomx biżżejjed riżorsi, esperjenza jew għarfien tekniku meħtieġ biex jidħlu f'negozjati mal-operaturi dwar l-aċċess,*** l-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu korp biex jikkoordina t-talbiet tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika li tkun il-proprjetà ta' korpi tas-settur pubbliku jew ikkontrollata |

minnhom, jipprovdu pariri legali u tekniċi permezz tan-negozjar ta' termini u kundizzjonijiet tal-aċċess, u jiffaċilitaw l-għoti tal-informazzjoni tramite punt uniku tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10.

Or. en

**Emenda 254**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. | 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. ***Meta ssir analiżi ġdida tas-suq skont l-Artikolu 67 tal-KEKE, u qabel l-impożizzjoni ta' rimedji, dan ir-Regolament għandu jitqies bħala Regolament eżistenti li jaffettwa s-suq tal-aċċess bl-ingrossa għall-infrastruttura fiżika, fis-sens tal-Artikolu 67.2.c. F'każijiet li fihom l-awtorità regolatorja nazzjonali tikkonkludi li huma meħtieġa rimedji, dan għandu jiġi ġġustifikat għaliex dan ir-Regolament ma huwiex biżżejjed biex jindirizza t-tħassib dwar il-kompetizzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-eżistenza tal-GIA għandha tiġi kkunsidrata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) qabel ma tiġi imposta regolamentazzjoni ex ante dwar is-saħħa sinifikanti fis-suq fl-analiżi futura tas-suq. F'każijiet li fihom l-awtorità regolatorja nazzjonali tikkonkludi li l-*

*applikazzjoni tal-GIA hija insuffiċjenti u huma meħtieġa rimedji, din għandha tiġġustifika l-insuffiċjenza tal-GIA biex tindirizza l-problemi tal-kompetizzjoni.*

**Emenda 255**
**Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. | 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. ***Għalhekk, l-obbligu ta' aċċess simetriku skont ir-regolament GIA għandu jitqies mill-awtoritajiet regolatorja nazzjonali, fost fatturi oħra, bħala punt tat-tluq biex jiġi kkunsidrat jekk għandhiex tiġi imposta r-regolamentazzjoni ex ante dwar l-SMP. F'każ li l-kunsiderazzjoni tal-GIA tista' ma tkunx biżżejjed biex tindirizza s-sitwazzjoni tas-suq tal-infrastruttura, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiġġustifikaw din il-valutazzjoni kif xieraq.*** |

Or. en

**Emenda 256**
**Susana Solís Pérez**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti | 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti |

| | |
|---|---|
| mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. | mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. ***Għalhekk, l-obbligu ta' aċċess simetriku skont ir-regolament GIA għandu jitqies mill-awtoritajiet regolatorja nazzjonali, fost fatturi oħra, bħala punt tat-tluq biex jiġi kkunsidrat jekk għandhiex tiġi imposta r-regolamentazzjoni ex ante dwar l-SMP. F'każ li l-kunsiderazzjoni tal-GIA tista' ma tkunx biżżejjed biex tindirizza s-sitwazzjoni tas-suq tal-infrastruttura, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiġġustifikaw din il-valutazzjoni kif xieraq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-obbligu ta' aċċess simetriku skont ir-regolament GIA għandu jitqies mir-regolatur, fost fatturi oħra, kif previst fl-Artikolu 67(2) tad-Direttiva (UE) 2018/1972, bħala punt tat-tluq biex jiġi kkunsidrat jekk għandiex tiġi imposta r-regolamentazzjoni ex ante dwar is-saħħa sinifikanti fis-suq. F'każ li l-kunsiderazzjoni tal-GIA tista' ma tkunx biżżejjed biex tindirizza s-sitwazzjoni tas-suq tal-infrastruttura, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiġġustifikaw din il-valutazzjoni kif xieraq.*

**Emenda 257**
**Pilar del Castillo Vera**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm | 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, sakemm |

| | |
|---|---|
| dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. | dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. ***Konsegwentement, meta l-awtoritajiet regolatorja nazzjonali jikkunsidraw li jimponu rimedji ex ante dwar is-saħħa sinifikanti fis-suq, huma għandhom iqisu l-obbligi ta' aċċess simetriku tas-saħħa tas-suq sinifikanti ex ante skont dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi ***2, 3 u 4,*** sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. | 5. L-infrastruttura fiżika li diġà hi soġġetta għall-obbligi tal-aċċess imposti mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ***jew minn awtoritajiet kompetenti oħra*** skont id-Direttiva (UE) 2018/1972 jew li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stabbiliti fil-paragrafi ***1, 2 u 3*** sakemm dawk l-obbligi tal-aċċess ikunu fis-seħħ. |

Or. en

**Emenda 259**
**Adam Jarubas, Janusz Lewandowski**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal-bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il- | 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal-bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il- |

| | |
|---|---|
| bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, sikurezza u saħħa. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. ***L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata tramite punt uniku tal-informazzjoni u tiġi notifikata lill-Kummissjoni.*** | bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, sikurezza u saħħa. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. |
| | Or. en |

**Emenda 260**
**Miapetra Kumpula-Natri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal-bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il-bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, ***jew*** minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, ***sikurezza*** u ***saħħa***. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata tramite punt uniku tal-informazzjoni u tiġi notifikata lill-Kummissjoni. | 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal-bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il-bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, ***jew għal thassib dwar is-sikurezza*** u ***s-saħħa bbażati fuq ix-xjenza***. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata tramite punt uniku tal-informazzjoni u tiġi notifikata lill-Kummissjoni. |
| | Or. en |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' referenza għal tħassib dwar is-sikurezza u s-saħħa pubblika stabbiliti sew u bbażati fuq ix-xjenza se tiżgura deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.*

**Emenda 261**
**Elena Kountoura**
f'isem il-Grupp The Left

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal-bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il-bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, sikurezza u saħħa. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata tramite punt uniku tal-informazzjoni u tiġi notifikata lill-Kummissjoni. | 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal-bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il-bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' ***protezzjoni ambjentali,*** valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, sikurezza u saħħa. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata tramite punt uniku tal-informazzjoni u tiġi notifikata lill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 262**
**Niklas Nienass**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal- | 6. Il-korpi tas-settur pubbliku li jkunu sidien ta' bini jew ta' ċerti kategoriji tal- |

| | |
|---|---|
| bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il-bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, sikurezza u saħħa. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati ***u proporzjonati***. L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata ***tramite punt uniku tal-informazzjoni u tiġi notifikata lill-Kummissjoni***. | bini, jew li jikkontrollawh, ma jistgħux japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3 għal dak il-bini jew dawk il-kategoriji tal-bini minħabba raġunijiet ta' valur arkitettoniku, storiku, reliġjuż jew naturali, jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika, sikurezza u saħħa. L-Istati Membri***, l-awtoritajiet reġjonali u lokali*** għandhom jidentifikaw dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini fit-territorji tagħhom abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati u proporzjonati. L-informazzjoni dwar dan il-bini jew dawn il-kategoriji tal-bini għandha tiġi ppubblikata ***mill-awtorità kompetenti***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Abbażi ta' regoli amministrattivi differenti tal-Istati Membri, is-setgħa li jingħata status ristrett lill-bini tista' tkun f'idejn l-awtoritajiet reġjonali jew lokali. It-tieni bidla tirreferi għall-fatt li l-proporzjonalità għandha tkun parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u huwa preżunt li teżisti kull meta jingħata l-istatus speċjali. L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha mbagħad tiġi bħala iva/le ġustifikata. It-tielet nett, bażi tad-data mifruxa mal-UE kollha ta' status speċjali għall-bini ma hijiex miżura proporzjonali.*